IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 14.12.2021
COM(2021) 891 final

2021/0428 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera

{SEC(2021) 440 final} - {SWD(2021) 462 final} - {SWD(2021) 463 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni (iż-"Żona Schengen") hija waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea. Fil-Komunikazzjoni "*Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ*"[1] ("l-Istrateġija ta' Schengen"), il-Kummissjoni enfasizzat li l-pedamenti ta' Schengen huma parti mid-DNA tal-Ewropa. Iż-żona Schengen tinkludi żona fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u dawk mhux ċittadini tal-UE li joqogħdu legalment fit-territorju, kif ukoll l-oġġetti u s-servizzi, jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri interni. Schengen huwa element essenzjali tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u element ewlieni għall-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-ħolqien tiegħu ġab benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti għas-soċjetà Ewropea.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, din iż-żona ripetutament ġiet ittestjata minn serje ta' kriżijiet u sfidi. Il-kriżi tar-refuġjati bla preċedent tal-2015 kixfet nuqqasijiet fil-ġestjoni mill-Unjoni tal-fruntieri esterni u wriet li s-sistema tal-migrazzjoni ma kinitx imfassla tajjeb biex tissodisfa dawk l-isfidi, bil-konsegwenza li għadd ta' Stati Membri reġgħu introduċew kontrolli fil-fruntieri interni. Il-kontrolli fil-fruntieri interni reġgħu ġew introdotti wkoll b'reazzjoni għat-theddida terroristika persistenti wara s-sensiela ta' attakki fit-territorju Ewropew. Il-pandemija tal-COVID-19 ippreżentat ukoll sfida bla preċedent u poġġiet pressjoni kbira fuq iż-żona Schengen, li wasslet biex ħafna aktar Stati Membri reġgħu introduċew kontrolli fil-fruntieri interni, li xi drabi pperikolaw il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku. Dan kollu dgħajjef il-klima ta' fiduċja meħtieġa biex tiġi sostnuta żona ħielsa mill-kontrolli fil-fruntieri interni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ħabbret li se timmira li tlesti l-firxa ta' għodod meħtieġa biex tiżgura l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen sabiex tpoġġi l-ekosistema tar-regoli lura f'bilanċ u tirrestawra u ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Miżura waħda bħal din sabiex iż-żona Schengen issir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti hija proposta ġdida għal emenda għar-Regolament (UE) Nru 2016/399[2] ("il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Din il-proposta hija riżultat ewlieni mill-Pjan Direzzjonali għal Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Is-soluzzjonijiet kollha proposti fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil se jikkontribwixxu għal ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, kooperazzjoni aktar mill-qrib, kondiviżjoni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri u qafas ta' solidarjetà vinkolanti, u b'hekk isaħħu ż-żona Schengen.

Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb tirrikjedi li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi, kemm fil-fruntieri esterni kif ukoll fil-fruntieri interni. Hija tistrieħ fuq il-fiduċja bejn l-Istati Membri, fuq kontrolli effiċjenti tal-fruntieri esterni u fuq miżuri alternattivi fit-territorju tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fiż-żona Schengen, fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ", COM(2021)277 final, 2.6.2021.

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Filwaqt li l-qafas stabbilit mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprovdi għodod biex jiġu indirizzati sfidi bħal dawk esperjenzati matul l-aħħar snin, hemm lok għal titjib ta' aspetti speċifiċi li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kapaċità ta' rispons b'mod uniformi għal theddid maġġuri għas-saħħa pubblika, il-kapaċità ta' rispons għat-theddid li jirriżulta mill-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, kif ukoll il-mezzi ta' rispons, fit-territorju, għat-terroriżmu jew għal movimenti mhux awtorizzati.

Fid-dawl tal-isfidi emerġenti għaż-żona Schengen, huma meħtieġa għadd ta' bidliet immirati fir-regoli attwali stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen b'rabta mal-fruntieri kemm esterni kif ukoll interni, kif ukoll b'rabta mas-setgħat eżerċitati fit-territorji tal-Istati Membri, mingħajr ma titqiegħed f'dubju d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Din il-proposta trid titqies fil-kuntest tal-inizjattivi li għaddejjin biex tittejjeb il-governanza kumplessiva ta' Schengen. Abbażi tal-ħidma tal-Forum Schengen[3] stabbilit fl-2020, fil-bidu tal-2022, il-Kummissjoni se tadotta "Rapport dwar l-Istat ta' Schengen" li jiġbor fil-qosor is-sitwazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen, u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tintegra f'dawn ir-rapporti "Tabella ta' Valutazzjoni tal-Istat ta' Schengen" biex tivvaluta b'mod interkonness l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-oqsma ta' politika differenti u tappoġġa aħjar lill-Istati Membri biex jindirizzaw kwalunkwe sfida. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tirrevedi l-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen biex tagħmlu aktar effiċjenti, strateġiku u mgħammar aħjar biex jindirizza realtajiet u sfidi ġodda. Ir-reviżjoni se żżid il-kapaċità tal-Mekkaniżmu li jiffaċilita d-djalogu politiku dwar l-istat ta' Schengen, filwaqt li jiffoka fuq dawk l-oqsma li għandhom il-potenzjal li jipperikolaw il-funzjonament taż-żona Schengen kollha kemm hi.

<u>Fruntieri Esterni</u>

L-eżistenza ta' Schengen tippresupponi grad għoli ta' fiduċja f'ġestjoni robusta tal-fruntieri esterni. Abbażi tal-esperjenzi li jkopru l-perjodu sal-aħħar tal-2021, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni jenħtieġ li tissaħħaħ fir-rigward taż-żewġ aspetti li ġejjin:

- Sfidi relatati mas-saħħa

Il-kriżi tal-COVID-19 uriet li r-regoli attwali ma humiex biżżejjed biex jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi marbuta ma' mard b'potenzjal epidemjoloġiku. Il-karattru globali tal-COVID-19 kien jirrikjedi miżuri *ad hoc* fil-fruntieri esterni biex inaqqsu t-trażmissjoni bejn il-fruntieri. F'Marzu 2020, il-Kummissjoni pproponiet deċiżjoni kkoordinata dwar l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn iż-żona Schengen. Dan wassal għall-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'Ġunju 2020[4], bl-objettiv li jiġi ffaċilitat approċċ unifikat fir-rigward tar-restrizzjoni tal-aċċess għall-Unjoni Ewropea ta' vjaġġaturi li ġejjin minn pajjiżi b'sitwazzjoni epidemjoloġika problematika ħafna. Madankollu, għalkemm l-Istati Membri qablu

---

[3] Skont il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni ħabbret l-istabbiliment ta' Forum Schengen iddedikat, li jinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, bħall-Ministeri tal-Intern u l-pulizija (tal-fruntieri) fil-livell nazzjonali u reġjonali, sabiex tistimula kooperazzjoni aktar konkreta u aktar fiduċja bejn l-Istati Membri biex jappoġġaw il-funzjonament tajjeb ta' Schengen. L-ewwel Forum Schengen sar fit-30 ta' Novembru 2020, filwaqt li t-tieni Forum sar fis-17 ta' Mejju 2021.

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni, 30.6.2020.

bejniethom fuq lista ta' pajjiżi terzi li għalihom tista' titneħħa r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali, huma applikaw ir-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq b'modi differenti ħafna[5]. Kemm hemm biss ftit li applikaw il-lista ta' pajjiżi b'mod sħiħ, filwaqt li oħrajn iddeċidew li jneħħu r-restrizzjonijiet għal xi wħud biss mill-pajjiżi fil-lista, jew saħansitra għall-ebda wieħed minnhom. Stati Membri oħrajn neħħew ir-restrizzjonijiet għal pajjiżi terzi li lanqas biss kienu fil-lista, u b'hekk imminaw l-approċċ unifikat mixtieq. Hija meħtieġa proċedura ġdida biex tiġi kkodifikata prattika konsistenti u jiġu evitati d-diskrepanzi li qed jiġu esperjenzati bħalissa.

- Sfidi relatati mal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti

Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispons għall-istrumentalizzazzjoni sponsorjata mill-Istat tal-migranti fil-fruntiera esterna tal-UE[6], fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2021-2025) imġedded adottat mill-Kummissjoni fid-29 ta' Settembru 2021[7], kif ukoll fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar miżuri kontra operaturi tat-trasport li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fit-traffikar ta' persuni jew fil-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti b'rabta ma' dħul illegali fit-territorju tal-Unjoni Ewropea[8], fenomenu inkwetanti ħafna osservat huwa r-rwol dejjem jikber ta' atturi statali fil-ħolqien artifiċjali u fil-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni irregolari, billi jużaw il-flussi migratorji bħala għodda għal finijiet politiċi biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha.

Kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2021[9], l-UE u l-Istati Membri huma impenjati li jagħtu rispons għal dan ir-rwol dejjem jikber ta' atturi statali fl-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari u fl-użu tal-bnedmin biex joħolqu pressjoni fil-fruntieri esterni tal-UE. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-UE biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-istrumentalizzazzjoni. Għal dan l-għan, l-ewwel huwa meħtieġ li jiġi definit x'għandu jinftiehem bi "strumentalizzazzjoni". Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġi ċċarat liema miżuri jistgħu jieħdu l-Istati Membri skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipproteġu l-fruntieri esterni komuni tal-UE b'mod effettiv kontra l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi. B'mod parallel, il-Kummissjoni qed tipproponi miżuri addizzjonali skont l-acquis dwar l-ażil u r-ritorn biex tiċċara aktar kif l-Istati Membri jistgħu u jenħtieġ li jirrispondu f'sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni, filwaqt li tiżgura protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-migranti li huma strumentalizzati, inklużi d-dritt għall-ażil u l-protezzjoni kontra n-non-refoulement.

F'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, "*Il-kontrolli fuq il-fruntieri huma fl-interess mhux biss tal-Istat Membru li fil-fruntieri esterni tiegħu jsiru dawn il-kontrolli, iżda tal-Istati Membri kollha li abolixxew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni. Il-kontrolli fuq il-fruntiera jenħtieġ li jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u biex tkun prevenuta kull theddida għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, is-saħħa pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri*"[10]. Għalhekk, huwa ċar li l-Istati Membri bi fruntieri esterni ta' Schengen għandhom responsabbiltà doppja: vis-à-vis il-persuni kollha li jibbenefikaw mill-possibbiltà li jivvjaġġaw mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli

---

5 Ara t-Taqsima 2.1.2. tal-Valutazzjoni tal-Impatt.
6 JOIN(2021) 32 final.
7 COM(2021) 591 final.
8 COM(2021) 753 final.
9 Il-Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tal-24 u tal-25 ta' Mejju 2021 – Konklużjonijiet, Dokument tal-Kunsill EUCO 5/21 tal-25 ta' Mejju 2021.
10 Ara l-Premessa 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

fil-fruntieri interni u vis-à-vis iċ-ċittadini u n-negozju tagħhom stess. Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fih regoli ġenerali applikabbli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera (l-Artikolu 5) u dwar is-sorveljanza tal-fruntieri (l-Artikolu 13) sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi tal-ġestjoni tal-fruntieri kif imsemmi hawn fuq. Madankollu, huwa meħtieġ li dawk ir-regoli jissaħħu biex tiġi rikonoxxuta r-responsabbiltà tal-Istati Membri bi fruntieri esterni ta' Schengen u biex iwieġbu għall-isfidi l-ġodda maħluqa mill-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni.

<u>Miżuri fil-fruntieri interni u fit-territorju</u>

L-essenza stess tal-proġett ta' Schengen hija n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni li jippermettu lill-persuni kollha li jirrisjedu legalment fl-Unjoni jibbenefikaw bis-sħiħ mill-possibbiltà li jivvjaġġaw mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri interni. Abbażi tal-esperjenzi li jkopru l-perjodu sal-ħarifa tal-2021, l-aspetti li ġejjin iridu jiġu rieżaminati u msaħħa sabiex tiġi ppreservata ż-żona Schengen:

- Rispons għall-isfidi li jaffettwaw il-maġġoranza tal-Istati Membri

Għalkemm l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri tista' tkun miżura leġittima biex jiġi indirizzat theddid serju għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ rispons urġenti (eż. attakki terroristiċi), l-ambitu ġeografiku u d-durata ta' dawn il-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jagħmlu l-moviment tal-persuni u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti aktar diffiċli. Anki jekk, *per se*, il-verifiki fil-fruntieri interni huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-moviment liberu, fil-prattika, in-nuqqas ta' tali verifiki jiffaċilita l-moviment tal-persuni. L-impatt tal-verifiki fil-fruntieri introdotti mill-ġdid kien partikolarment viżibbli fil-fruntieri interni tal-art, u dan affettwa r-rabtiet ekonomiċi u soċjali multipli fir-reġjuni transfruntiera bil-150 miljun persuna li jgħixu f'dawn ir-reġjuni[11] u madwar 3,5 miljun persuna li jaqsmu l-fruntieri interni taż-żona Schengen kuljum[12]. Fl-2020, il-bosta introduzzjonijiet mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri interni maħsuba biex jgħinu fil-kontroll tat-tixrid tal-COVID-19 spiss affettwaw il-kapaċitajiet lokali biex jiġu żgurati servizzi essenzjali fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera. In-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 kompla jħalli impatt fuq is-settur tat-trasport billi llimita l-operazzjonijiet tat-trasport transfruntiera, ħafna drabi amplifika l-effetti tax-xokk inizjali u żied mat-tħarbit tal-ktajjen tal-provvista. Hija meħtieġa proċedura ġdida biex jiġi żgurat approċċ aktar ikkoordinat f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi li jaffettwaw il-maġġoranza tal-Istati Membri, filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ id-dritt sovran tal-Istati Membri li jerġgħu jintroduċu kontrolli fil-fruntieri.

Filwaqt li tibni fuq il-firxa wiesgħa ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet adottati għall-pandemija tal-COVID-19, bħas-sistema ta' "Korsiji Ħodor"[13], il-Kummissjoni se ttejjeb ukoll l-ippjanar ta' kontinġenza għal Schengen. Għal din ir-raġuni, hija se tikkodifika l-miżuri ta' mitigazzjoni pertinenti fil-Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntiera biex isiru punt ta' referenza naturali għall-gwardji tal-fruntiera f'sitwazzjoni ta' kriżi.

---

[11] Madwar 150 miljun ċittadin Ewropew jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera, li jammontaw għal 30 % tal-popolazzjoni tal-UE. Ir-reġjuni transfruntiera jkopru 40 % tat-territorju tal-UE u jipproduċu 30 % tal-PDG tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe bidla fir-rigward tal-possibbiltà li jinqasmu l-fruntieri mingħajr kontrolli hija soċjalment u ekonomikament sinifikanti.

[12] Ara l-Istrateġija ta' Schengen tat-2 ta' Ġunju 2021 u https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/621815/EPRS_BRI(2018)621815_EN.pdf

[13] 2020/C 96 I/01 u COM(2020) 685 final.

- Użu aħjar ta’ miżuri alternattivi

Il-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi migratorja tal-2015, kif ukoll iż-żieda fit-theddid terroristiku ttestjaw iż-żona ta’ Schengen f’dawn l-aħħar snin[14]. B’reazzjoni għal dawn l-isfidi, xi Stati Membri ddeċidew li jerġgħu jintroduċu verifiki fil-fruntieri f’xi wħud mill-fruntieri interni tagħhom jew f’kollha kemm huma[15]. Filwaqt li, għall-ewwel, tali deċiżjonijiet irrispondew għal avvenimenti identifikabbli b’mod ċar, u għal ċertu perjodu ta’ żmien kienu sostnuti minn Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill[16], issa jidhru li saru miżura ta’ prekawzjoni permanenti.

Il-kontrolli li ilhom tul ta’ żmien fil-fruntieri interni żvelaw il-limiti tal-għodod attwali li għandha l-Unjoni biex tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità ta’ kontrolli mtawla fiż-żmien. Għalhekk, ir-regoli li jiddefinixxu l-kontrolli fil-fruntieri interni bħala miżura aħħarija jenħtieġ li jissaħħu.

Bl-istess mod, il-kontrolli għal żmien twil fil-fruntieri interni ġibdu l-attenzjoni għall-użu limitat li jagħmlu l-Istati Membri minn miżuri alternattivi li, f’ħafna każijiet, jistgħu jkunu biżżejjed biex jiżguraw livell għoli ta’ sigurtà mingħajr il-ħtieġa li jerġgħu jiġu stabbiliti l-kontrolli fil-fruntieri interni.

Dan jikkonċerna b’mod partikolari l-eżerċitar tas-setgħat tal-pulizija. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 dwar il-verifiki mill-pulizija u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija[17] ħeġġet lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mis-setgħat tal-pulizija tagħhom u jagħtu preċedenza lill-verifiki mill-pulizija qabel ma jiddeċiedu dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta’ kontrolli fil-fruntieri interni. Matul l-aħħar erba’ snin, għadd ta’ Stati Membri intensifikaw il-verifiki mill-pulizija fiż-żoni tal-fruntiera fil-kuntest taż-żieda fit-theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna. Uħud minn dawk il-każijiet jagħtu eżempji ta’ prattika tajba fl-indirizzar ta’ theddid persistenti u miżjud għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna. Tabilħaqq, tali verifiki spiss jistgħu jkunu daqstant jew aktar effiċjenti mill-kontrolli fil-fruntieri interni, notevolment minħabba li huma aktar flessibbli mill-kontrolli statiċi fil-fruntieri f’punti speċifiċi ta’ qsim tal-fruntieri u jistgħu jiġu adattati aktar faċilment għal riskji li jkunu qed jevolvu. Sabiex jiġi żgurat li l-potenzjal ta’ dawn il-miżuri jintuża bis-sħiħ, Stat Membru li jikkunsidra li jestendi l-introduzzjoni mill-ġdid ta’ kontrolli fil-fruntieri

---

[14] Bejn Marzu u Ottubru 2020, it-tixrid mgħaġġel tal-pandemija tal-COVID-19 ikkawża żieda fl-imwiet li kienet tammonta għal kważi 300 000 fl-UE, meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2016-2019. (Ara: Eurostat “Excess mortality in 2020: especially high in spring and autumn” (“Mortalità eċċessiva fl-2020: partikolarment għolja fir-rebbiegħa u fil-ħarifa”), l-20 ta’ Jannar 2021).
It-theddida mit-terroriżmu, filwaqt li dejjem kienet preżenti, saret prominenti ħafna fl-Ewropa minn mindu sar l-attakk fuq Charlie Hebdo f’Jannar 2015, u mit-tkabbir tal-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku fis-Sirja.
Fl-2015, kien hemm 1 255 600 applikant għall-ażil għall-ewwel darba li applikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-UE, numru aktar mid-doppju ta’ dak tas-sena ta’ qabel (ara l-Istqarrija tal-aħbarijiet tal-Eurostat “L-ażil fl-Istati Membri tal-UE: Numru rekord ta’ aktar minn 1,2 miljun applikant għall-ażil għall-ewwel darba rreġistrat fl-2015”). Sabiex inqabblu, fl-2018 kien hemm 699 000 applikazzjoni ppreżentati fl-UE, inklużi 631 000 applikazzjoni għall-ewwel darba (ara: il-Kummissjoni Ewropea “Statistika dwar il-migrazzjoni lejn l-Ewropa”).

[15] Minn Settembru 2015, il-verifiki fil-fruntieri interni reġgħu ġew introdotti aktar minn 250 darba.

[16] Nuqqasijiet serji identifikati fil-fruntiera esterna Griega fl-2016 wasslu għall-adozzjoni ta’ erba’ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li, abbażi tal-Artikolu 29, talbu lil ħames Stati Membri (l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Iżvezja, id-Danimarka u n-Norveġja) biex jerġgħu jintroduċu temporanjament verifiki fil-fruntieri interni tagħhom bejn Mejju 2016 u Novembru 2017.

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/820 tat-12 ta’ Mejju 2017 dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen.

jenħtieġ li l-ewwel jivvaluta jekk il-kontroll fil-fruntiera jistax jiġi sostitwit b'tali miżuri alternattivi. Barra minn hekk, l-esperjenza relatata mal-pandemija tal-COVID-19 għamlitha ċara li anki ċerti setgħat pubbliċi oħrajn mhux tipikament relatati mal-pulizija (eż. verifiki relatati mas-saħħa pubblika) jistgħu jagħmlu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni mhux meħtieġa. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tiġi rieżaminata l-lista ta' miżuri alternattivi li jenħtieġ li ma jitqisux bħala ekwivalenti għall-kontrolli fil-fruntieri interni.

Kooperazzjoni mtejba tal-pulizija tista' tespandi s-sett ta' alternattivi għall-kontrolli fil-fruntieri interni disponibbli għall-Istati Membri. Għal dan l-għan, fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat proposti leġiżlattivi għal Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija. Il-Kodiċi se jipprovdi qafas legali koerenti tal-UE biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni miżmuma minn Stati Membri oħrajn meta jkollhom bżonnha biex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu.

Fl-aħħar nett, il-persistenza tal-kontrolli fil-fruntieri interni b'rabta ma' movimenti mhux awtorizzati tiġġustifika l-modifiki li jippermettu lill-Istati Membri jindirizzaw aħjar tali sfidi mingħajr il-ħtieġa li jirrikorru għal kontrolli fil-fruntieri interni.

*

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, hemm ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-problemi li jaffettwaw il-fruntieri esterni u interni taż-żona Schengen relatati ma' dawn li ġejjin:

a) Miżuri fil-fruntieri esterni biex jindirizzaw it-theddid relatat mat-theddid maġġuri għas-saħħa pubblika, bħal pandemiji u każijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti;

b) Il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri interni u l-użu ta' miżuri oħrajn għall-potenzjal sħiħ tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli biżżejjed ta' sigurtà mingħajr il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal kontrolli fil-fruntieri interni.

***Objettivi speċifiċi u elementi ewlenin tal-proposta***

Il-proposta għandha l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

a) Applikazzjoni uniformi tal-miżuri fil-fruntieri esterni f'każ ta' theddida għas-saħħa pubblika.

Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu ġdid li jenħtieġ li jippermetti adozzjoni f'waqtha, mill-Kunsill, ta' strument vinkolanti li jistabbilixxi restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar fil-fruntieri esterni f'dawn iċ-ċirkostanzi. Bis-saħħa ta' dan il-mekkaniżmu, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar se japplikaw b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha sakemm it-theddida għas-saħħa pubblika tippersisti fl-Unjoni. Il-proposta tiddetermina b'mod komprensiv l-elementi kollha meħtieġa ta' strument li għandu jiġi adottat mill-Kunsill f'att ta' implimentazzjoni. Għaldaqstant, tali strument jenħtieġ li jispeċifika kwalunkwe kategorija ta' persuni eżentati minn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, anki f'sitwazzjonijiet fejn jivvjaġġaw għal raġunijiet mhux essenzjali, u/jew, abbażi ta' indikaturi oġġettivi, kwalunkwe żona ġeografika jew pajjiż terz li minnhom l-ivvjaġġar jista' jkun soġġett għal miżuri speċifiċi, eż. restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan jiddefinixxi kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali li għandha tiġi imposta fuq il-vjaġġaturi sabiex l-ivvjaġġar ikun sikur. F'konformità mal-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati

Membri tagħha, minn naħa, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu minn drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja rispettivi tagħhom jenħtieġ li dejjem jitħallew jidħlu fl-Unjoni. Jenħtieġ li r-residenti dejjem jitħallew jirritornaw lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-istrument jiddefinixxi lista minima ta' kategoriji ta' vjaġġaturi li huma meqjusa meħtieġa b'rabta ma' funzjonijiet jew ħtiġijiet essenzjali u, għalhekk, jenħtieġ li ma jkunux koperti minn miżuri taħt dan l-istrument. Jenħtieġ li din il-lista tkun tirrifletti b'mod partikolari l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jippermettu l-ivvjaġġar, filwaqt li jitħalla f'idejn id-deċiżjonijiet individwali tal-Kunsill biex jiddefinixxu kategoriji addizzjonali ta' vjaġġar essenzjali, jekk meħtieġ, skont it-theddida speċifika. L-istrument jista' jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' brejk ta' emerġenza, li jippermetti li jittieħdu miżuri rilevanti f'każ li s-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-agħar b'mod drammatiku f'żona ġeografika waħda jew aktar.

b) Rispons għall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti fil-fruntieri esterni

Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, fejn pajjiż terz attur ikun qed juża l-bnedmin biex jiddestabbilizza lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha. Il-proposta tiddefinixxi fl-Artikolu 2 x'jenħtieġ li jinftiehem bi "strumentalizzazzjoni". Barra minn hekk, il-modifika proposta tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 13 jenħtieġ li tiċċara liema miżuri huma disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u fil-kuntest tas-sorveljanza tal-fruntieri biex jipprevjenu u jirreaġixxu għall-qsim illegali tal-fruntieri meta l-Istati Membri tal-ewwel wasla jħabbtu wiċċhom ma' tali pressjoni minn pajjiż terz. Barra minn hekk, proposta ġdida dwar proċeduri eċċezzjonali tal-ażil u r-ritorn għandha l-għan li tiżgura l-koerenza ma' dan l-approċċ billi tintroduċi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iġestixxu b'mod uman, ordnat u dinjituż, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji umanitarji, il-wasla ta' persuni li jkunu qed jiġu strumentalizzati minn pajjiż terz.

c) Il-ħolqien ta' ppjanar ta' kontinġenza għal Schengen f'sitwazzjoni ta' theddida li taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin

Il-proposta għandha l-għan li toħloq mekkaniżmu ġdid li jippermetti rispons Ewropew għall-problemi li jaffettwaw il-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin u, b'hekk, tpoġġi f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu l-ġdid jikkomplementa l-mekkaniżmu eżistenti għal nuqqasijiet persistenti serji fil-fruntieri esterni, kif stabbilit bħalissa fl-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Jenħtieġ li dan jirrispetta bis-sħiħ id-dritt tal-Istati Membri li jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa meta jiffaċċjaw theddida immedjata u li joffri lill-Kunsill il-possibbiltà li jawtorizza, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni f'xi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha affettwati mit-theddida identifikata, u b'hekk jiġi pprovdut qafas koerenti għall-użu tal-kontrolli fil-fruntieri interni mill-Istati Membri u jiġu definiti miżuri ta' mitigazzjoni xierqa. Fuq proposti mill-Kummissjoni, tali awtorizzazzjoni tista' tiġi estiża għal perjodi ulterjuri sa massimu ta' sitt xhur kull wieħed, sakemm it-theddida tinstab li qed tippersisti. Fejn il-Kummissjoni tqis li awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni ma tkunx xierqa, jenħtieġ li hija, minflok, tadotta rakkomandazzjoni li tispeċifika l-miżuri li jidher li huma aktar xierqa minn kontrolli fil-fruntieri interni biex jindirizzaw it-theddida jew miżuri li jistgħu jikkomplementaw il-kontrolli fil-fruntieri interni.

d) Salvagwardji proċedurali fil-każ ta' introduzzjonijiet mill-ġdid unilaterali ta' kontrolli fil-fruntieri interni

Sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli fil-fruntieri interni jibqgħu miżura aħħarija, il-proposta tiċċara u tespandi l-lista ta' elementi li jridu jiġu vvalutati minn Stat Membru meta jieħu d-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri. Dawn l-elementi jinkludu l-adegwatezza tal-miżura ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fi fruntiera interna u l-impatt probabbli ta' tali miżura fuq il-moviment ta' persuni fiż-żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni u fuq ir-reġjuni transfruntiera. Barra minn hekk, fejn Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-kontrolli fil-fruntieri interni b'reazzjoni għal theddid prevedibbli, jenħtieġ li tali valutazzjoni tkun tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-adegwatezza u l-użu ta' miżuri alternattivi bħal verifiki proporzjonati mwettqa fil-kuntest tal-eżerċitar legali tas-setgħat pubbliċi mill-awtoritajiet kompetenti fir-reġjun tal-fruntiera, l-użu tal-proċedura ta' rifjut għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera interna u l-kooperazzjoni tal-pulizija kif previst skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-estensjonijiet li jikkonċernaw theddid prevedibbli li jaqbżu s-sitt xhur jenħtieġ li jkunu jinkludu wkoll valutazzjoni tar-riskju. Kif inhi s-sitwazzjoni llum, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu fi kwalunkwe ħin jadottaw opinjoni dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-kontrolli fil-fruntieri interni introdotti mill-ġdid. Kull meta l-kontrolli interni jkunu ilhom fis-seħħ għal total ta' 18-il xahar, il-Kummissjoni se tkun meħtieġa toħroġ opinjoni dwar il-proporzjonalità u n-neċessità tagħhom u tniedi proċess ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Sabiex titqies l-esperjenza li ċertu theddid jista' jippersisti għal ammont konsiderevoli ta' żmien, il-possibbiltà li jiġi estiż il-kontroll fil-fruntieri f'dawn il-każijiet hija estiża għal perjodu massimu totali ta' sentejn. Madankollu, il-proposta tirrikonoxxi li l-Istati Membri jistgħu jaraw il-ħtieġa li jżommu l-kontrolli fil-fruntieri interni lil hinn minn dan il-perjodu ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-Kummissjoni, filwaqt li jissostanzja fin-notifika l-ġdida tiegħu li it-theddida għadha teżisti, inkluż b'valutazzjoni tar-riskju u wara li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni maħruġa fil-każ ta' kontrolli fil-fruntieri li jdumu 18-il xahar. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni ta' segwitu.

Minbarra dan, sabiex tkun tista' ssir analiżi *post factum*, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu obbligati li jissottomettu rapport dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, wara li jkunu neħħew il-kontrolli. Barra minn hekk, meta l-kontrolli fil-fruntieri jinżammu wara perjodu ta' sitt xhur, jenħtieġ li tali rapport jiġi ppreżentat wara tnax-il xahar, u kull sena minn hemm 'il quddiem sakemm idumu jinżammu l-kontrolli.

e) L-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u ta' salvagwardji speċifiċi għar-reġjuni transfruntiera f'każijiet fejn jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fil-fruntieri interni

Il-proposta tistabbilixxi wkoll li jenħtieġ li dejjem jiġu applikati salvagwardji, sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv tal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' verifiki fil-fruntieri interni, jekk din l-introduzzjoni mill-ġdid tkun inevitabbli, b'mod partikolari biex jiġi limitat l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera, fuq it-trasport u, b'hekk, fuq is-Suq Uniku. Eżempji għall-miżuri ta' mitigazzjoni li jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-kontrolli fil-fruntieri introdotti mill-ġdid huma b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet żviluppati fl-2020 b'rabta mal-kriżi tal-COVID-19.

f) Aktar użu ta' miżuri alternattivi biex jindirizzaw it-theddid identifikat minflok il-kontrolli fil-fruntieri interni

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fiż-żona Schengen b'mod proporzjonat. Għal dan l-għan, il-proposta tiċċara l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu użu

aktar estensiv minn verifiki oħra li ma humiex kontrolli fiż-żoni tal-fruntiera. Dawn il-verifiki mhux bilfors jenħtieġ li jitwettqu mill-awtoritajiet tal-pulizija, iżda jistgħu jinvolvu kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi nazzjonali[18] biex teżerċita setgħat pubbliċi. Fil-każijiet kollha, l-awtoritajiet kompetenti jridu jirrispettaw is-salvagwardji eżistenti żviluppati mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[19] għall-eżerċitar tas-setgħat tal-pulizija, b'mod partikolari billi jipprovdu l-qafas meħtieġ għas-setgħa mogħtija lil dawk l-awtoritajiet biex iwettqu verifiki tal-identità, inkluż biex jiggwidaw id-diskrezzjoni li jgawdu dawk l-awtoritajiet fl-applikazzjoni prattika ta' dik is-setgħa, sabiex jiġi żgurat li dawn il-verifiki ma jsirux ekwivalenti għall-kontrolli fil-fruntieri. Fl-għoti ta' tali gwida, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li d-diskrezzjoni eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti titwettaq b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

Sabiex jiġu pprovduti aktar mezzi lill-Istati Membri biex jużaw miżuri alternattivi biex jindirizzaw il-problema ta' movimenti mhux awtorizzati ta' migranti irregolari, il-proposta tintroduċi l-possibbiltà li l-migranti irregolari jiġu ttrasferiti jekk ikun hemm indikazzjoni ċara li l-persuna maqbuda fil-fruntieri interni, waqt kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, tkun għadha kif waslet minn dak l-Istat Membru l-ieħor (pereżempju, reġistrazzjoni fl-Eurodac minn Stat Membru ieħor jew kontijiet reċenti maħruġa fl-Istat Membru l-ieħor). Fid-dawl tal-inizjattiva li tikkonċerna l-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija mressqa fit-8 ta' Diċembru 2021, jenħtieġ li din il-proċedura l-ġdida tħeġġeġ l-użu ta' viġilanzi konġunti bħala għodda li tippermetti li jiġi applikat dan it-trasferiment issimplifikat ta' persuni maqbuda fil-fruntieri interni. Il-proposta tipprevedi wkoll it-tneħħija tal-klawżola ta' "sospensjoni" li bħalissa hija applikabbli għall-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali eżistenti bejn l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[20] u d-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom il-migranti irregolari jistgħu attwalment jintbagħtu lura ladarba jinqabdu f'sitwazzjoni ta' soġġorn illegali fi Stat Membru. Il-proposta fiha modifika mmirata għall-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu ftehimiet u arranġamenti bilaterali ta' riammissjoni aktar effettivi, li jkunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi relatati ma' movimenti mhux awtorizzati. Il-modifika tkun tirrikjedi bl-istess mod li l-Istati Membri jinnotifikaw tali ftehimiet u arranġamenti lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija lesta li tħejji mudell ta' ftehim bilaterali għall-klawżoli ewlenin ta' tali ftehimiet, ibbażat fuq rieżami tal-ftehimiet eżistenti, sabiex tappoġġa lill-Istati Membri f'dan il-kompitu tal-ħolqien ta' għodda effiċjenti għall-ġestjoni ta' movimenti mhux awtorizzati.

Il-proposta tneħħi wkoll l-ostakli għal użu aktar estensiv tat-teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza, u tiċċara li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma jipprevjenix l-użu ta' *data* dwar il-passiġġieri, bħal Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri jew Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri dwar konnessjonijiet intra-Schengen[21], f'każ li dan ikun permess mil-liġi applikabbli.

---

[18] Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri setgħu wettqu verifiki relatati mas-saħħa fiż-żoni tal-fruntiera, minflok ma reġgħu introduċew kontrolli fil-fruntieri interni.

[19] Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli, il-Kawżi Magħquda C-188/10 u C-189/10.

[20] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

[21] Kif imħabbar fl-Istrateġija ta' Schengen tat-2 ta' Ġunju (COM(2021)277), il-Kummissjoni qed tħejji proposta leġiżlattiva biex tespandi l-użu ta' informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri (API) biex tkopri wkoll it-titjiriet intra-Schengen. B'kuntrast mal-PNR, bħalissa din qed tinġabar biss sistematikament għal titjiriet li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Kif imsemmi hawn fuq, din l-inizjattiva hija konformi mal-azzjonijiet stabbiliti fl-*Istrateġija ta' Schengen*.

Il-proposta, b'obbligi ta' rapportar imġedda fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament taż-żona Schengen, tikkontribwixxi għall-prinċipji tal-governanza ta' Schengen, bl-għan li żżid id-djalogu politiku, il-monitoraġġ u l-infurzar. Għalhekk, hija tifforma komponent integrali tal-istruttura tal-governanza ta' Schengen, kif stabbilit fl-Istrateġija ta' Schengen tat-2 ta' Ġunju 2021. Dan l-obbligu ta' rapportar fil-futur se jiġi ssodisfat permezz tar-Rapport annwali dwar l-Istat ta' Schengen, li se jkun fih ukoll ir-rapport li jrid jiġi pprovdut skont l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen[22].

Il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen jipprevedi strument bejn il-pari li jappoġġa l-bini ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effiċjenti tal-qafas legali ta' Schengen. Id-defiċjenzi u n-nuqqas ta' implimentazzjoni fi Stat Membru wieħed jistgħu jaffettwaw lill-Istati Membri kollha u sussegwentement ipoġġu liż-żona Schengen f'riskju. Dan joħloq il-ħtieġa li jkun hemm mekkaniżmu adattat għall-iskop li jiggarantixxi Schengen aktar b'saħħitha u reżiljenti. Sabiex jinkiseb dan, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat riforma tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen[23], li bħalissa hija soġġetta għal diskussjonijiet fil-Kunsill.

Ir-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen jenħtieġ li jiġi diskuss kull sena fil-Forum Schengen li l-Kummissjoni stabbiliet biex tippromwovi djalogu politiku regolari u strutturat fost l-atturi involuti fl-iżgurar tal-funzjonament xieraq taż-żona Schengen. Jenħtieġ li dawn id-diskussjonijiet jinvolvu lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex jistimolaw kooperazzjoni aktar konkreta u aktar fiduċja fost l-Istati Membri biex jappoġġaw il-funzjonament tajjeb ta' Schengen. L-ewwel Forum Schengen sar fit-30 ta' Novembru 2020, filwaqt li t-tieni Forum sar fis-17 ta' Mejju 2021, bil-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Ministri għall-Affarijiet Interni.

F'konformità mal-Artikolu 33 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ir-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen se jiġi indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għalhekk jenħtieġ li dawn l-istituzzjonijiet jibnu fuq id-diskussjonijiet tal-Forum Schengen u jqisu l-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mir-rapport.

Il-proposta tikkomplementa r-regoli dwar il-kontrolli fil-fruntieri esterni bħala prerekwiżit taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Hija tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (EIBM) mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-proposta se tkun riflessa wkoll fiċ-Ċiklu ta' Politika Strateġika Pluriennali li jmiss li għandu l-għan li jistabbilixxi l-qafas strateġiku biex imexxi l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri billi jelimina l-lakuni bejn il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà, ir-ritorn, il-migrazzjoni, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Kif

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

[23] Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, COM(2021)278 final, 02.06.2021.

imħabbar fl-Istrateġija ta’ Schengen, fil-bidu tal-2022 se jiġi adottat mill-Kummissjoni dokument ta’ politika li jifforma l-bażi għal konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-EIBM.

Il-proċedura l-ġdida fil-fruntiera esterna li għandha tiġi applikata f’sitwazzjoni ta’ marda infettiva b’potenzjal ta’ epidemija kif identifikata miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jew mill-Kummissjoni permezz tal-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f’Każ ta’ Emerġenza tas-Saħħa (HERA), hija mistennija li tħejji aħjar lill-Unjoni għal kwalunkwe pandemija futura u, bħala tali, se sservi wieħed mill-iskopijiet tal-kontrolli fil-fruntieri, jiġifieri tipprevjeni t-theddid għas-saħħa pubblika[24]. Din se timla l-lakuna ladarba r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 eżistenti dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE u t-tneħħija possibbli ta’ tali restrizzjoni[25] ma tibqax tapplika. Sabiex infakkru, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912 ġiet adottata bħala parti mir-rispons ikkoordinat għall-pandemija tal-COVID-19[26], li jfisser li jenħtieġ li ma tibqax tapplika sa meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-proċedura l-ġdida tqis bis-sħiħ il-proċeduri stabbiliti mir-Regolament futur tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa[27], notevolment fil-każ ta’ rikonoxximent ta’ emerġenza tas-saħħa pubblika, u l-mandat rivedut taċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard.

Fir-rigward ta’ miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiffaċċjaw l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi, il-proposta tibni fuq ir-regoli eżistenti dwar is-sorveljanza tal-fruntieri u l-kontrolli fil-fruntieri esterni kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.

Il-proposta tirrispondi għal għadd ta’ Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[28] u tibni fuq ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni adottati fl-2017 bil-ħsieb li twitti t-triq biex jitneħħew il-kontrolli fit-tul fil-fruntieri interni: ir-Rakkomandazzjoni tat-12 ta’ Mejju 2017 dwar l-użu proporzjonat tal-verifiki mill-pulizija u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen u r-Rakkomandazzjoni tat-3 ta’ Ottubru 2017 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta’ kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen.

Il-proposta tissostitwixxi l-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen, kif adottata mill-Kummissjoni fl-2017[29], li ġiet irtirata. Kif spjegat fl-Istrateġija ta’ Schengen[30], minkejja l-qbil mill-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-

---

24 Ara l-Premessa 6 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.

25 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta’ tali restrizzjoni, 30.6.2020.

26 Ftehim fost il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Unjoni Ewropea, is-26 ta’ Marzu 2020.

27 COM(2020)727.

28 Pereżempju, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar is-sistema Schengen u l-miżuri meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19 (2020/2801(RSP)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Ġunju 2020 dwar is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (2020/2640(RSP)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Settembru 2020 dwar il-COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen u s-suq uniku (2020/2780(RSP)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (2017/2256(INI)).

29 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta’ kontrolli fil-fruntieri interni, COM(2017)571, 27.9.2017.

30 COM(2021)277.

kwistjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, l-inizjattiva tal-2017 ma rċevietx appoġġ suffiċjenti sabiex in-negozjati jiġu segwiti b'suċċess mill-koleġiżlaturi u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi rtirata.

Il-proposta attwali tieħu salvagwardji proċedurali li kienu sabu appoġġ ġenerali fin-negozjati tal-2017, bħall-obbligu li tiġi sottomessa l-valutazzjoni tar-riskju flimkien man-notifika tal-kontrolli fil-fruntieri interni f'każ ta' theddid prevedibbli. Flimkien ma' salvagwardji msaħħa, il-proposta tissimplifika u tirrazzjonalizza l-limiti ta' żmien li taħthom il-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid jew estiżi. B'mod partikolari, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jestendu tali kontrolli għal total sa massimu ta' sentejn. Lil hinn minn dak il-perjodu, il-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jiġu estiżi b'mod eċċezzjonali, iżda jkunu jeħtieġu notifika ġdida mill-Istat Membru, li tissostanzja ż-żamma tat-theddida, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Kummissjoni maħruġa wara 18-il xahar. Barra minn hekk, il-proposta attwali tipprevedi l-intervent tal-Kunsill meta theddida tkun saret kwistjoni ġenwinament Ewropea, li taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin. Għalhekk, hija toħloq bilanċ tajjeb bejn, minn naħa, id-dritt sovran tal-Istati Membri li jintroduċu kontrolli fil-fruntieri interni u l-ħtieġa li titqies in-natura fit-tul ta' ċertu theddid u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi żgurat li tali introduzzjonijiet mill-ġdid isiru b'mod ikkoordinat bis-salvagwardji meħtieġa.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen hija inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021[31].

Il-proposta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-**moviment liberu** taċ-ċittadini tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll tal-membri tal-familja rispettivi tagħhom. Din tikkonċerna kemm il-miżuri proposti fil-fruntieri esterni, fejn id-dritt ta' ritorn lejn id-dar għal din il-kategorija ta' persuni huwa garantit anki matul restrizzjoni għall-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni, kif ukoll dawk fil-fruntieri interni, fejn il-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri adottati fil-fruntieri interni fuq il-moviment tal-persuni fiż-żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni hija msaħħa. Din il-proposta ma taffettwa bl-ebda mod id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE skont id-Direttiva 2004/38/KE[32].

Il-proposta tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-**sigurtà** fiż-żona Schengen billi tiċċara l-miżuri li huma għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà, minkejja l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Il-proposta ssegwi l-adozzjoni fit-8 ta' Diċembru 2021 ta' pakkett ta' kooperazzjoni tal-pulizija, magħmul minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija, proposta għal Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u għal Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-

[31] COM(2020) 690 final, Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021, Unjoni ta' vitalità f'dinja ta' fraġilità, p. 6, https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar%3A91ce5c0f-12b6-11eb-9a54-01aa75ed71a1.0001.02/DOC_1&format=PDF.

[32] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

pulizija ("Prüm II"). L-objettiv ta' dawn il-proposti huwa li jsaħħu l-aktar żewġ aspetti importanti tal-kooperazzjoni tal-pulizija: l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija. Dan se jtejjeb il-miżuri alternattivi li l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom u, għalhekk, jillimita l-ħtieġa għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Il-proċedura l-ġdida mressqa għat-trasferiment ta' migranti irregolari maqbuda fil-fruntieri interni bħala parti mill-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u l-modifika mmirata proposta għall-Artikolu 6(3) tad-**Direttiva dwar ir-Ritorn** iservu l-iskop li jippreservaw iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Bħala tali, il-proposta tibqa' mingħajr preġudizzju għad-Direttiva dwar ir-Ritorn u ma taffettwax in-natura doppja tagħha, jiġifieri strument għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, filwaqt li tappoġġa l-funzjonament xieraq ta' żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali ta' tali persuni, jipprevali l-objettiv ta' tneħħija effettiva ta' migrant irregolari miż-żona Schengen lejn pajjiż terz, u jenħtieġ li l-Istati Membri dejjem jagħmlu ħilithom biex jirritornaw tali migranti irregolari lejn pajjiż terz, minflok ma jittrasferixxu l-persuna kkonċernata lejn Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, id-deroga l-ġdida se tippermetti biss li l-migranti jintbagħtu lura lejn l-Istat Membru minn fejn ikun ġie identifikat il-qsim irregolari tal-fruntiera tagħhom. Kwalunkwe ritorn ulterjuri lejn Stati Membri oħrajn se jkompli jiġi rregolat minn ftehimiet u arranġamenti bilaterali eżistenti u futuri bejn l-Istati Membri.

Il-proposta tirrispetta bis-sħiħ l-**acquis dwar l-ażil**, kemm fejn tipproponi miżuri fil-fruntieri esterni relatati mal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, kif ukoll fejn tipproponi proċedura ġdida għall-indirizzar ta' movimenti mhux awtorizzati ta' migranti irregolari. Meta jsegwu l-objettivi ta' din il-proċedura l-ġdida, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jistrieħu fuq il-proposta li temenda r-Regolament tal-**Eurodac**, kif ukoll il-proposta ta' Skrinjar, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tas-salvagwardji speċifiċi previsti f'dawk l-istrumenti.

Il-proposta tqis il-politika tat-trasport tal-UE u, b'mod partikolari, il-Korsiji Ħodor tat-trasport introdotti biex jippreservaw il-ktajjen tal-provvista u biex jiffaċilitaw il-moviment tal-ħaddiema tat-trasport matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-pjan ta' kontinġenza li jmiss għat-trasport se jipprovdi aktar dettalji rigward il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fis-settur tat-trasport.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 77(2)(b) u (e) u 79(2)(c) tat-TFUE.

Il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), speċifikament it-Titolu II dwar ir-regoli applikabbli fil-fruntieri esterni u t-Titolu III dwar l-applikazzjoni tar-regoli fil-fruntieri interni.

Il-proposta temenda wkoll id-Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, fir-rigward tad-derogi mill-obbligu li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-azzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja taqa' fi ħdan qasam ta' kompetenza

kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 5(3) tat-TUE, li skontu l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda minflok ikunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

L-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed bl-Istati Membri jaġixxu weħidhom, u jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Dan għaliex huma jikkonċernaw il-verifiki fuq il-persuni fil-fruntieri esterni, li huma prekundizzjoni taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Barra minn hekk, l-integrità taż-żona Schengen u l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-eżerċitar tad-dritt għall-moviment liberu jeħtieġu approċċ koerenti, fiż-żona Schengen kollha, għall-miżuri ta' bini tal-fiduċja fil-fruntieri esterni, inkluż fuq ir-restrizzjonijiet għall-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u r-rispons għall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

In-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fil-fruntieri interni huwa garantit mit-Trattat fl-Artikolu 77(2)(e) tat-TFUE. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jieħdu azzjonijiet sabiex jirrispondu għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku u, b'hekk, jeżerċitaw id-dritt garantit fl-Artikolu 72 tat-TFUE, anki jekk dan ikun ifisser li jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fil-fruntieri interni, ġew stabbiliti r-regoli għal tali introduzzjonijiet mill-ġdid temporanji fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jiġi żgurat li jiġu applikati biss taħt kundizzjonijiet stretti. Għalhekk, kwalunkwe bidla li tikkonċerna dawn il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni teħtieġ leġiżlazzjoni tal-UE.

L-objettiv li jiġi stabbilit ippjanar ta' kontinġenza għal Schengen, inklużi miżuri speċifiċi fil-fruntieri interni biex tiġi indirizzata theddida li taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin u biex jittaffew l-impatti negattivi tal-kontrolli fil-fruntieri fejn dawn ikunu saru inevitabbli, ma jistax jintlaħaq biżżejjed bl-Istati Membri jaġixxu weħidhom, u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, jeħtieġ li n-natura u l-intensità ta' miżura partikolari jkunu jaqblu mal-problema identifikata. Il-problemi kollha indirizzati f'din l-inizjattiva leġiżlattiva jitolbu, b'xi mod jew ieħor, azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE li tippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv.

Il-miżuri proposti li għandhom jiġu applikati fil-fruntieri esterni biex tiġi indirizzata theddida għas-saħħa pubblika jieħdu l-ispirazzjoni mill-qafas applikabbli bħalissa, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912. Sabiex tiġi ggarantita l-proporzjonalità tagħhom, il-proċedura proposta tistabbilixxi qafas li jippermetti li jiġu ddeterminati, fejn meħtieġ, il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu introdotti restrizzjonijiet, l-ambitu u s-salvagwardji tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE u ta' persuni oħrajn li jibbenefikaw mil-libertà ta' moviment skont id-dritt tal-Unjoni u/jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom funzjoni essenzjali.

Il-miżuri proposti li jikkonċernaw l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-verifiki fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u dwar is-sorveljanza tal-fruntieri. Huma jqisu bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni tal-

fruntieri. Dawn jirriflettu bis-sħiħ ukoll il-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-rigward tal-appoġġ tal-Istati Membri fl-obbligu tagħhom li jipproteġu l-fruntieri esterni.

Il-modifiki li jikkonċernaw il-fruntieri interni jtejbu l-bilanċ bejn il-verifiki li jistgħu jitwettqu fiż-żoni tal-fruntiera fil-kuntest tal-eżerċitar tas-setgħat pubbliċi u l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Il-modifiki proposti jiċċaraw il-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jistgħu jwettqu verifiki fiż-żoni tal-fruntiera mingħajr riskju li jistgħu jiġu konfużi mal-kontrolli fil-fruntieri. Huma jipproponu proċedura ġdida applikabbli għall-migranti irregolari maqbuda fiż-żoni tal-fruntieri interni biex jiġu indirizzati l-movimenti mhux awtorizzati mingħajr il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal kontrolli fil-fruntieri interni. Bħala tali, hija se tikkomplementa l-qafas eżistenti li jippermetti l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni. L-applikabbiltà tal-proċedura l-ġdida hija limitata għall-qabdiet fil-fruntieri interni, meta l-migranti irregolari jinqabdu bħala parti mill-kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, b'mod partikolari matul viġilanzi konġunti, minħabba li l-viġilanzi konġunti se jiżguraw li ż-żewġ Stati Membri involuti jkollhom l-istess livell ta' informazzjoni fir-rigward tal-qbid tal-migrant irregolari. B'rispett sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-proposta tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri jiddeterminaw il-kooperazzjoni bilaterali tagħhom fuq il-kwistjonijiet relatati mal-movimenti mhux awtorizzati, filwaqt li jiġu rrispettati l-objettivi tal-politika ta' ritorn tal-UE, kif stabbilit fid-Direttiva dwar ir-Ritorn. Il-proposta tneħħi l-klawżola ta' sospensjoni għall-ftehimiet jew l-arranġamenti bilaterali eżistenti fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġġornaw il-kontenut tagħhom. L-Istati Membri jżommu libertà sħiħa f'dan ir-rigward, iżda jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ftehimiet u arranġamenti ġodda/modifikati bħal dawn. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tassisti lill-Istati Membri billi tiżviluppa mudell ta' ftehim bilaterali bbażat fuq il-klawżoli kkunsidrati bħala l-aħjar prattiki attwali biex jiġu indirizzati l-movimenti mhux awtorizzati, li għandu jiġi anness mal-Manwal dwar ir-Ritorn.

Il-proposta tirrikonoxxi bis-sħiħ id-dritt sovran tal-Istati Membri li jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni, b'mod partikolari meta tkun meħtieġa reazzjoni urġenti, inkluż f'sitwazzjoni ta' theddida li tpoġġi f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen u, b'hekk, titlob rispons Ewropew. Fl-aħħar nett, hija ssaħħaħ is-salvagwardji kontra l-estensjonijiet diskrezzjonali tal-kontrolli fil-fruntieri interni minħabba persistenza sempliċi ta' theddida billi żżid ir-rekwiżiti ta' notifika matul iż-żmien, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza ta' miżuri alternattivi.

Il-proposta tħaddan l-approċċ li l-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jitwettqu biss sakemm ikun meħtieġ, jiġifieri jenħtieġ li jitneħħew hekk kif ikun hemm miżuri oħrajn li jkunu jistgħu jindirizzaw it-theddida identifikata. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà għall-konformità mal-limiti ta' żmien eżistenti hija kompitu kondiviż tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu deskrizzjoni tat-theddid identifikat li jiġġustifika l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni, filwaqt li jissottomettu wkoll valutazzjoni tar-riskju f'każ ta' estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri biex tiġi indirizzata theddida prevedibbli. Jenħtieġ li huma jivvalutaw ukoll, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk it-theddida persistenti tkunx għadha l-istess theddida li tiġġustifika estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri jew jekk hijiex theddida ġdida, li tiġġustifika notifika ġdida. Kemm fis-sitwazzjoni tal-introduzzjoni mill-ġdid kif ukoll tal-estensjonijiet sussegwenti tal-kontrolli fil-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu analiżi li turi n-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali kontrolli u, b'mod partikolari, kif il-kontrolli fil-fruntieri interni huma adattati biex jindirizzaw it-theddida, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-moviment tal-persuni fiż-żona

mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u l-funzjonament ta' reġjuni transfruntiera. F'każ ta' kwalunkwe estensjoni li tikkonċerna theddid prevedibbli, jenħtieġ li l-Istat Membru juri l-ħtieġa li jinżammu l-kontrolli fil-fruntieri interni billi jivvaluta jekk l-objettivi segwiti minn tali estensjoni jistgħux jintlaħqu permezz ta' miżuri alternattivi. Barra minn hekk, l-estensjonijiet li jikkonċernaw theddid prevedibbli li jaqbżu s-sitt xhur jenħtieġ li jinkludu wkoll valutazzjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni u kwalunkwe Stat Membru jistgħu jindikaw, permezz ta' opinjoni dwar in-neċessità u l-proporzjonalità, it-tħassib tagħhom dwar l-użu tal-kontrolli fil-fruntieri. Fil-każ ta' kontrolli fil-fruntieri li jaqbżu t-18-il xahar, jenħtieġ li tali opinjoni mill-Kummissjoni tkun obbligatorja. L-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri tista' tiġi diskussa fil-qafas tal-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, bil-ħsieb li tiġi ċċarata r-rilevanza tal-introduzzjoni mill-ġdid maħsuba tal-kontrolli fil-fruntieri, l-adegwatezza ta' miżuri alternattivi, kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka fir-rigward tal-kontrolli fil-fruntieri u l-miżuri ta' mitigazzjoni. Kif inhu l-każ bħalissa, tali konsultazzjoni tibqa' obbligatorja f'sitwazzjoni fejn tkun inħarġet opinjoni mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru. Fl-aħħar nett, f'każ ta' theddid b'dimensjoni Ewropea, il-Kummissjoni u l-Kunsill jieħdu r-responsabbiltà li l-kontrolli fil-fruntieri interni jinżammu biss sakemm ikun meħtieġ, mingħajr ma jistabbilixxu limiti ta' żmien assoluti.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tikkonċerna l-emenda ta' Regolament u l-emenda konsegwenzjali tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Billi l-elementi ewlenin tal-proposta jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Titolu II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen relatati mal-kontrolli fil-fruntieri esterni u tat-Titolu III dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni ta' dan ir-Regolament, ma jkun xieraq l-ebda strument ieħor għajr Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Kif deskritt fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta, bejn Novembru 2020 u Frar 2021 saret **konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**, li kienet tinkludi, primarjament, partijiet ikkonċernati fil-mira permezz tal-Forum Schengen u workshops tematiċi maqsuma skont is-suġġett u l-partijiet ikkonċernati involuti. Hija kienet tinkludi l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, trasportaturi u NGOs.

Barra minn hekk, twettqet **konsultazzjoni pubblika**. Din tnediet fid-19 ta' Jannar 2021, bl-iskadenza għall-kontribuzzjonijiet stabbilita għas-16 ta' Marzu 2021.

Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll il-**Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu** fuq is-sit web tagħha[33] għal erba' ġimgħat, u rċeviet feedback mingħand Franza, il-Kroazja, l-Ukrajna u mittent anonimu wieħed.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta tibni fuq l-evidenza miġbura fl-istudju tad-DĠ REGIO "*The effects of COVID-19 induced border closures on cross-border regions - An empirical report covering the period March to June 2020*"[34] ("L-effetti tal-għeluq tal-fruntieri kkawżat mill-COVID-19 fuq reġjuni transfruntiera - Rapport empiriku li jkopri l-perjodu minn Marzu sa Ġunju 2020") u "*20 case studies covering the period March to June 2020*"[35] ("20 studju ta' każijiet li jkopru l-perjodu minn Marzu sa Ġunju 2020").

Il-Kummissjoni straħet ukoll fuq l-istudji dwar il-kostijiet tan-nuqqas ta' Schengen, imħejjija mill-Parlament Ewropew[36], in-notifiki tal-Istati Membri dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' verifiki fil-fruntieri interni u r-reazzjonijiet mill-pubbliku manifestati fil-korrispondenza mibgħuta lill-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt.[37] Il-Valutazzjoni tal-Impatt evalwat tliet għażliet ta' politika:

**Għażla 1 - Liġi mhux vinkolanti**. Din l-għażla kkunsidrat miżuri ta' liġi mhux vinkolanti li jibbażaw fuq it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19 u oħrajn li jinkoraġġixxu l-użu ta' miżuri alternattivi minflok verifiki fil-fruntieri interni. Bħala tali, hija segwiet l-approċċ preċedenti tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tal-2016 "Lura lejn Schengen – Pjan ta' Direzzjoni"[38] u r-Rakkomandazzjoni dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen[39]. Skont din l-għażla, ġew ikkunsidrati wkoll miżuri ta' liġi mhux vinkolanti dwar koordinazzjoni aħjar tal-miżuri fil-fruntieri esterni f'sitwazzjoni ta' kriżi.

L-objettivi speċifiċi kienu mistennija li jintlaħqu permezz ta' Komunikazzjoni dwar il-futur ta' Schengen (l-hekk imsejħa *Strateġija ta' Schengen*) u, possibbilment, aġġornamenti tar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti (b'mod partikolari tar-Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija).

---

33 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12827-Amendment-of-the-Schengen-Borders-Code.

34 https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/46250564-669a-11eb-aeb5-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-search.

35 https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/bf14de68-6698-11eb-aeb5-01aa75ed71a1/language-en.

36 Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Interna, id-Dipartiment Tematiku A: Il-Politika Ekonomika u Xjentifika, is-Servizz Ewropew tar-Riċerka Parlamentari, l-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew, PE 578.974 - Mejju 2016: "Cost of non-Schengen: the impact of border controls within Schengen on the Single Market", mitlub mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar is-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/578974/IPOL_STU(2016)578974_EN.pdf

37 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament.

38 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, Lura lejn Schengen - Pjan ta' Direzzjoni, COM(2016) 120 final, 4.3.2016.

39 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/820 tat-12 ta' Mejju 2017 dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen, C(2017)3349, ĠU L 122, 13.5.2017, p. 79.

**Għażla 2 - Għażla mħallta (emenda mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen flimkien ma' liġi mhux vinkolanti)**. Din l-għażla kellha l-għan li tindirizza l-kritika miċ-ċittadini, mill-Parlament Ewropew, kif ukoll mill-Istati Membri tal-verifiki attwali fil-fruntieri interni li ilhom fis-seħħ għal tul ta' żmien. Hija tirrispondi wkoll għas-sejħa mill-akkademiċi. Din l-għażla kienet mistennija li tippermetti li jiġi żgurat li l-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fiż-żona Schengen mingħajr ostakli bla bżonn, bis-saħħa tal-limitazzjoni tal-każijiet meta jiġu introdotti mill-ġdid verifiki fil-fruntieri interni. Fir-rigward tal-miżuri fil-fruntieri esterni, din l-għażla pproponiet, fid-dawl tal-gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati b'reazzjoni għall-COVID-19, li jiġu żviluppati "miżuri ta' mitigazzjoni" li jeħtieġ li jitqiesu kull meta l-introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri tkun inevitabbli. Barra minn hekk, din l-għażla kienet timplika l-adozzjoni ta' bażi ġuridika ċara għall-impożizzjoni u t-tneħħija ta' "projbizzjoni fuq id-dħul" għall-UE fil-każ ta' theddida għas-saħħa pubblika, biex tiġi żgurata l-uniformità fil-fruntieri esterni fis-sitwazzjoni ta' theddida għas-saħħa pubblika. Il-proposta attwali tinkorpora l-ideat żviluppati taħt din l-għażla.

**Għażla 3 - Għażla mħallta 2 (bidla aktar fundamentali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, flimkien ma' elementi ta' liġi mhux vinkolanti)**. Din l-għażla qieset iż-żona Schengen mingħajr fruntieri bħala spazju integrali wieħed li jrid ma jkunx frammentat minn deċiżjonijiet ta' Stati Membri individwali. Fid-dawl ta' dan, hija pproponiet li tindirizza l-isfidi identifikati esklussivament fil-livell tal-UE, billi pprevediet li kwalunkwe deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri interni tkun teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel ta' waħda mill-istituzzjonijiet tal-UE jew it-tneħħija għalkollox tal-possibbiltà ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri interni.

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' miżuri fil-fruntieri esterni f'każ ta' theddid għas-saħħa pubblika, ir-rimedji proposti ma jvarjawx mill-għażla 2 (restrizzjonijiet ġodda fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE applikabbli fis-sitwazzjoni ta' theddida għas-saħħa pubblika).

**Eżitu tal-Valutazzjoni tal-Impatt:** Abbażi tas-sejbiet tar-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt, l-Għażla 2 (approċċ imħallat) hija meqjusa bħala l-għażla ppreferuta. Din l-għażla tirrifletti l-aħjar punteġġ kumulattiv fir-rigward tal-effettività, l-effiċjenza u l-proporzjonalità. Hija tibbaża fuq it-tagħlimiet mill-passat u, fl-istess ħin, hija ambizzjuża biżżejjed. Hija tirrispetta l-fehmiet tal-Istati Membri dwar ir-rwol tal-verifiki fil-fruntieri fl-indirizzar ta' theddid serju, filwaqt li fl-istess ħin tirrispetta wkoll l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini tal-UE u ta' persuni oħrajn li jibbenefikaw min-nuqqas ta' verifiki fil-fruntieri interni fir-rigward tal-preservazzjoni taż-żona Schengen li tiffaċilita l-moviment tal-persuni u tal-merkanzija minħabba n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Fir-rigward tal-impatti ekonomiċi, notevolment il-mekkaniżmu l-ġdid tal-ippjanar ta' kontinġenza, ir-rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi li jaffettwaw diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha fil-livell tal-UE u t-tisħiħ tal-użu ta' miżuri alternattivi, kif ukoll ta' miżuri ta' mitigazzjoni, fejn xieraq, x'aktarx li jiffaċilitaw l-eżerċitar tal-moviment u/jew jillimitaw l-impatti negattivi tal-kontrolli fil-fruntieri interni fis-Suq Uniku. Bħala tali, din l-għażla tista' tkun strumentali biex tillimita l-impatt ekonomiku negattiv tal-verifiki fil-fruntieri interni u, b'hekk, il-benefiċċji ekonomiċi ta' din l-għażla jistgħu jkunu sinifikanti. Barra minn hekk, il-possibbiltà li tiġi adottata restrizzjoni tal-ivvjaġġar għall-UE kollha għall-ivvjaġġar mhux essenzjali applikabbli fil-fruntieri esterni f'sitwazzjoni ta' theddida għas-saħħa pubblika tista' tikkontribwixxi għal dan l-objettiv billi telimina raġuni probabbli għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Din l-għażla tiżgura wkoll impatti soċjali pożittivi, bis-saħħa tal-ippjanar ta' kontinġenza għal Schengen u l-kunċetti msaħħa tal-"miżura aħħarija", li huma mistennija jillimitaw l-użu ta' verifiki fil-fruntieri interni.

L-ebda impatt ambjentali li jista' jitkejjel ma huwa marbut mal-għażla ppreferuta.

Min-naħa l-oħra, din l-għażla tista' tinvolvi relattivament l-akbar impatt dirett fuq l-amministrazzjoni. Dan huwa dovut għaż-żamma tal-possibbiltà li jiġu introdotti mill-ġdid temporanjament verifiki fil-fruntieri interni u għaż-żieda ta' obbligi ġodda, bħal valutazzjoni tar-riskju, notifika standardizzata dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fil-fruntieri interni u obbligu li jsir rapportar regolari dwarhom. Madankollu, billi l-miżuri proposti f'din l-għażla jenħtieġ li jiksbu tnaqqis kumplessiv fl-użu tal-verifiki fil-fruntieri, il-piż amministrattiv addizzjonali jenħtieġ li jkun limitat.

Ma saret l-ebda analiżi speċifika dwar il-miżuri proposti biex tiġi miġġielda l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, minħabba li l-proposta, f'dan ir-rigward, hija maħsuba biex tiċċara r-regoli applikabbli.

Fid-19 ta' April 2021, il-Kummissjoni ssottomettiet il-Valutazzjoni tal-Impatt lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB). L-RSB ta opinjoni pożittiva b'kummenti. Dawn il-kummenti kienu relatati ma' (i) in-nuqqas ta' evidenza suffiċjenti dwar il-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet tal-miżuri ewlenin attwali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, (ii) l-ambigwità tad-deskrizzjoni tal-għażliet ta' politika u l-għażla ta' implimentazzjoni, u (iii) l-analiżi mhux żviluppata biżżejjed tal-impatti. Sabiex tindirizza dawn il-kummenti, il-Kummissjoni kompliet tespandi b'mod partikolari d-*data* kwantitattiva u l-informazzjoni dwar il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati fir-rapport kollu biex issaħħaħ l-argumenti kwalitattivi mqajma dwar il-benefiċċji tat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Hija stabbiliet b'mod aktar ċar in-nuqqasijiet tal-proċess fl-2020 minn perspettiva ta' Schengen, bir-Rispons Politiku Integrat tal-UE f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ('Integrated Political Crisis Response' - IPCR) jiffoka l-ewwel fuq l-aspetti tas-saħħa qabel ma jdur għal aspetti oħrajn bħall-kontroll fil-fruntieri, filwaqt li ssottolinjat li minkejja li l-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jkunu għodda effiċjenti, l-eliminazzjoni gradwali toħloq problemi sinifikanti u wriet aktar fid-dettall li miżuri alternattivi huma inqas għaljin mill-kontrolli fil-fruntieri, filwaqt li spiss jiksbu l-istess riżultat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żiedet id-diversi għażliet previsti. Fl-aħħar nett, ġiet inkluża informazzjoni profonda addizzjonali dwar l-objettiv tal-proposta preċedenti tal-2017, it-tagħlimiet meħuda min-negozjati tagħha u dwar il-perspettiva l-ġdida miġjuba mill-kriżi tal-COVID-19. Aktar informazzjoni dwar kif ir-rakkomandazzjonijiet tal-RSB huma riflessi fir-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tista' tinstab fil-punt 3 tal-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Skont il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni, l-inizjattivi kollha bl-objettiv li jbiddlu l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jenħtieġ li jimmiraw li jissimplifikaw u jwasslu għal objettivi ta' politika ddikjarati b'mod aktar effiċjenti (jiġifieri li jitnaqqsu l-kostijiet regolatorji bla bżonn).

L-analiżi tal-impatti tissuġġerixxi li l-għażla ppreferuta jenħtieġ li tgħin biex tiġi ottimizzata l-allokazzjoni tar-riżorsi f'każ ta' kriżi u biex jiġu limitati l-kostijiet tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-obbligu l-ġdid li jikkonċerna l-valutazzjoni tar-riskju, il-mudell il-ġdid għan-notifiki ta' introduzzjonijiet mill-ġdid u l-obbligi ta' rapportar, kif ukoll kompiti ġodda relatati mal-użu ta' miżuri alternattivi,

jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn il-piż kumplessiv fuq l-Istati Membri ma jitnaqqasx u, f'xi każijiet, jispiċċa saħansitra jiżdied.

Jinħolqu obbligi addizzjonali għall-istituzzjonijiet tal-UE. Dan ikun jikkonċerna l-ħolqien tal-kapaċità li jittieħdu deċiżjonijiet issostanzjati fil-livell tal-UE dwar l-użu ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE fil-fruntieri esterni, iżda wkoll li jiġi applikat l-ippjanar ta' kontinġenza f'każ ta' ħtieġa. Ma huwa mistenni l-ebda impatt kbir fuq il-korpi u l-aġenziji tal-UE, għalkemm l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari tista' twassal għall-involviment akbar tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fil-limiti tar-Regolament tal-EBCG (UE) 2019/1896[40] sabiex tassisti lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' din l-isfida.

Kumplessivament, dawn il-kompiti addizzjonali jenħtieġ li jiġġeneraw kostijiet addizzjonali limitati meta mqabbla mal-impatt pożittiv sinifikanti fuq il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi li jpoġġu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju.

- **Drittijiet fundamentali**

L-emenda proposta tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-libertà tal-moviment u tar-residenza (l-Artikolu 45) kif ukoll id-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18) u l-prinċipju ta' non-refoulement (l-Artikolu 19). Is-salvagwardji tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 4 u tal-Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ikomplu japplikaw, inkluż fir-rigward tal-miżuri meħuda sabiex tiġi ffaċċjata l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-miżuri proposti biex jindirizzaw l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-libertà ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-miżuri proposti jimmiraw lejn li jindirizzaw problemi li bħalissa għandhom impatt fuq id-drittijiet li ġejjin: i) id-dritt għall-ħajja tal-familja ta' persuni li jirrisjedu legalment fl-UE, ii) id-dritt li l-persuni jaħdmu, li jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u li jipprovdu servizzi fi kwalunkwe Stat Membru, iii) id-dritt li l-persuni jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, u iv) id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali.

Filwaqt li r-restrizzjonijiet għall-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE inevitabbilment dejjem se jaffettwaw xi wħud mid-drittijiet imsemmija hawn fuq, il-miżuri proposti mhux se jżidu dawn l-impatti, minħabba li jirriflettu dak li huwa fis-seħħ bħalissa abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912 u, bħala tali, huwa meqjus meħtieġ u proporzjonat fid-dawl ta' theddida għas-saħħa pubblika.

Il-kontrolli attwali li ilhom fis-seħħ fil-fruntieri interni u l-użu diskrezzjonali tal-kontrolli fil-fruntieri bħala miżura ta' prekawzjoni, speċjalment fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, kellhom impatt sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali elenkati hawn fuq. Il-miżuri proposti li jikkonċernaw il-fruntieri interni jistgħu biss inaqqsu dan l-impatt.

Fir-rigward tal-użu ta' miżuri alternattivi promossi fil-proposta, is-salvagwardji li jirriżultaw mill-obbligi attwali kontra d-diskriminazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, inkluż mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif rifless ukoll b'mod

[40] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

espliċitu fl-Artikoli 4 u 7(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, għandhom japplikaw bis-sħiħ, sabiex jiġi evitat it-tfassil ta' profil razzjali[41] jew prattiki illegali oħrajn. Ir-regoli ta' Schengen jistgħu jikkontribwixxu għal dak l-għan b'miżuri ta' monitoraġġ miżjuda, eż. fil-kuntest tal-Evalwazzjonijiet ta' Schengen.

Fir-rigward tad-dritt għall-privatezza u tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali li jistgħu jkunu aktar f'riskju fil-kuntest tat-teknoloġiji ta' sorveljanza u monitoraġġ, il-miżuri proposti kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-liġi nazzjonali jenħtieġ li tipprovdi bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-*data* personali. F'dan is-sens, l-għażliet kollha jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni għaċ-ċittadini u għal-liġijiet nazzjonali li jipprovdu l-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali b'tali teknoloġiji.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda proposta ma għandhiex implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-evalwazzjoni tal-emenda mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fir-rigward tar-rispons għat-theddid għaż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni se tiddependi fuq l-informazzjoni li se tiġi riċevuta mill-Istati Membri.

It-Tabella 11 fil-Valutazzjoni tal-Impatt tinkludi lista mhux eżawrjenti ta' indikaturi kwantitattivi proposti għall-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi ta' politika identifikati f'din il-Valutazzjoni tal-Impatt. Fil-prattika, dawn l-indikaturi jirriflettu u jiddefinixxu s-suċċess tal-għażliet ta' politika. Madankollu, billi l-għażla proposta tikkonċerna l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali, il-kejl regolari tal-indikaturi ma huwiex possibbli.

Barra minn hekk, din l-imprevedibbiltà tipprevjeni l-iffissar ta' miri kwantitattivi fissi.

Is-sit web tal-Kummissjoni https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen/reintroduction-border-control_en li jinforma lill-pubbliku dwar il-verifiki attwali fil-fruntieri interni fis-seħħ se jibqa' l-għodda ewlenija ta' informazzjoni li tippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fil-fruntieri interni. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-bażi ġuridika għall-miżuri fil-fruntieri interni, il-Kummissjoni ma tistax tiżviluppa għodda separata dwar l-użu ta' miżuri alternattivi bħall-verifiki tal-pulizija fiż-żoni tal-fruntiera. Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-użu tal-miżuri alternattivi fil-fruntieri interni (verifiki tal-pulizija/teknoloġiji ġodda) se jkunu soġġetti għal monitoraġġ fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, inkluż kwalunkwe żjara possibbli fuq il-post fil-fruntieri interni u proċedimenti ta' ksur.

[41] "Tfassil ta' profil" jista' jinftiehem bħala l-kategorizzazzjoni ta' individwi skont karatteristiċi personali. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jkunu "li ma jistgħux jinbidlu" (bħall-età jew it-tul) jew "li jistgħu jinbidlu" (bħall-ilbies, id-drawwiet, il-preferenzi u elementi oħrajn ta' mġiba). It-tfassil ta' profil jinkludi l-estrazzjoni ta' *data* fejn l-individwi jiġu kkategorizzati "fuq il-bażi ta' xi wħud mill-karatteristiċi osservabbli tagħhom sabiex jiġu dedotti, b'ċertu marġini ta' żball, oħrajn li ma jkunux osservabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti f'erba' dispożizzjonijiet. L-Artikolu 1 jintroduċi modifiki fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-Artikolu 2 jipprevedi emenda tad-Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE sabiex: (i) tkun tirrifletti l-proċedura l-ġdida li tippermetti t-trasferiment immedjat ta' migranti irregolari maqbuda fil-fruntieri interni waqt kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija lejn l-Istat Membru ġar, li hija proposta li tiġi introdotta fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; (ii) tneħħi l-klawżola ta' sospensjoni mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, u (iii) tistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe ftehim/arranġament ġdid bħal dan u modifiki ta' dawk eżistenti. L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-perjodu ta' traspożizzjoni għall-emenda tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. L-Artikolu 4 jiddetermina l-kundizzjonijiet tad-dħul fis-seħħ u l-effetti tar-Regolament.

Artikolu 1: Modifiki fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

**L-Artikolu 2** tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huwa mmodifikat sabiex tiġi emendata d-definizzjoni ta' "sorveljanza fuq il-fruntiera" u jkun jirrifletti d-definizzjonijiet meħtieġa għal tali kunċetti bħal: "strumentalizzazzjoni tal-migranti", "vjaġġar essenzjali" u "vjaġġar mhux essenzjali" li ġew introdotti għall-ewwel darba fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u "ċentri tat-trasport". Dawn id-definizzjonijiet jiżdiedu biex ikunu jirriflettu aħjar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni biex iwettqu sorveljanza tal-fruntieri, inklużi miżuri preventivi.

**L-Artikolu 5** huwa mmodifikat sabiex jiċċara liema miżuri jistgħu japplikaw l-Istati Membri fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tagħhom meta jiffaċċjaw strumentalizzazzjoni tal-migranti.

**L-Artikolu 13** huwa mmodifikat sabiex jiċċara liema miżuri jistgħu japplikaw l-Istati Membri meta jwettqu kompiti relatati mas-sorveljanza tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tagħhom b'rabta mal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, flimkien ma' dak li jirriżulta mill-Artikolu 5.

**L-Artikolu 21a** jiżdied sabiex tinħoloq raġuni għall-applikazzjoni uniformi fil-fruntieri esterni ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjoni ta' marda b'potenzjal epidemjoloġiku. Id-dispożizzjoni tagħti lill-Kunsill is-setgħa jadotta, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, regolament ta' implimentazzjoni f'dan ir-rigward. Dan jistabbilixxi l-parametri kollha meħtieġa għal tali deċiżjoni u jipprevedi salvagwardji fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE, tar-residenti fit-tul, kif ukoll tal-persuni li jeżerċitaw funzjonijiet essenzjali.

**L-Artikolu 23** huwa mmodifikat sabiex jiċċara t-tip ta' verifiki awtorizzati fiż-żoni tal-fruntiera. Il-modifiki proposti jiċċaraw li l-verifiki mwettqa fiż-żoni tal-fruntiera bl-użu ta' teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza ma għandhomx effett ekwivalenti għall-kontrolli fil-fruntieri. Bl-istess mod, il-verifika tad-*data* tal-passiġġieri, ta' persuni li jivvjaġġaw fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, ma' bażijiet tad-*data* rilevanti, jekk possibbli skont il-liġi applikabbli, jenħtieġ li tkun permessa wkoll mill-perspettiva tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

**L-Artikolu 23a** l-ġdid jistabbilixxi proċedura għat-trasferiment, ta' migranti irregolari maqbuda fil-fruntieri interni waqt kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, lejn l-Istati Membri minn fejn ikunu ġejjin direttament. Din tikkomplementa r-regoli applikabbli skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn bħala miżura ta' sostenn meħtieġa għaż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Hija tipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jittrasferixxu persuni li ma humiex intitolati jidħlu jew jirrisjedu, flimkien mal-obbligu li jirċievu tali persuni, maqbuda fil-fruntieri interni fil-kuntest ta' kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, bħal rondi konġunti tal-pulizija, dment li jkun hemm indikazzjoni ċara li l-persuna

kkonċernata għadha kif qasmet il-fruntiera interna. Tali indikazzjonijiet jistgħu jikkonsistu fin-nuqqas ta' dokumenti validi li jiċċertifikaw l-identità jew id-dritt ta' soġġorn fl-Istat Membru, reġistrazzjoni fl-Eurodac minn Stat Membru ieħor jew kontijiet reċenti maħruġa fl-Istat Membru l-ieħor. L-artikolu l-ġdid u l-Anness XII il-ġdid għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistabbilixxu l-proċedura applikabbli f'każijiet bħal dawn.

L-**Artikolu 24** immodifikat jiċċara, fid-dawl tal-modifiki li saru fl-Artikolu 23, li l-użu tat-teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza fil-punti ta' qsim tal-art jista' jiġġustifika, flimkien ma' miżuri ta' sikurezza, limiti tal-veloċità jew ostakli oħrajn fil-punti ta' qsim tat-toroq fil-fruntieri interni.

**L-Artikolu 25** jipprevedi qafas ġenerali applikabbli għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Dan jagħti eżempji tat-tip ta' theddida li tista' twassal għall-introduzzjoni mill-ġdid unilaterali ta' kontrolli fil-fruntieri interni u ċ-ċirkostanzi li taħthom il-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jiġu estiżi.

**L-Artikolu 25a** jipprevedi l-proċedura applikabbli għal introduzzjonijiet mill-ġdid unilaterali ta' kontrolli fil-fruntieri interni mill-Istati Membri b'reazzjoni għal avvenimenti imprevedibbli u prevedibbli.

**L-Artikolu 26** jiċċara l-kriterji li jenħtieġ li jitqiesu u jiġu riflessi mill-Istati Membri fin-notifika sussegwenti tal-kontrolli fil-fruntieri interni. F'dan ir-rigward, bħala novità, dan iżid l-impatt fuq ir-reġjuni transfruntiera. Id-dispożizzjoni tistabbilixxi rekwiżiti differenti għal sitwazzjonijiet fejn il-kontrolli fil-fruntieri jiġu introdotti mill-ġdid għall-ewwel darba u fejn il-kontrolli fil-fruntieri jiġu estiżi għal theddid prevedibbli, sabiex jitqies li l-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-kontrolli fil-fruntieri interni jridu jiżdiedu maż-żmien, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan l-artikolu jintroduċi wkoll il-kunċett ta' miżuri li jtaffu l-impatti li jirriżultaw mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri li jenħtieġ li jiġu applikati kif xieraq.

**L-Artikolu 27** huwa sostitwit b'wieħed ġdid, iddedikat għan-notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Huwa jistabbilixxi wkoll obbligu li tiġi sottomessa valutazzjoni tar-riskju f'każ ta' estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni b'rabta ma' theddid prevedibbli.

**L-Artikolu 27a** jiċċara meta għandhom jitwettqu konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati u ċ-ċirkostanzi li fihom tista' jew jenħtieġ li tinħareġ opinjoni dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

**L-Artikolu 28** huwa sostitwit b'dispożizzjoni ġdida li tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' salvagwardja taż-żona Schengen meta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin u tpoġġi l-funzjonament kumplessiv taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni f'riskju. Id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lill-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar approċċ ikkoordinat għat-theddida serja identifikata fil-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin, li tissostitwixxi kwalunkwe miżura nazzjonali fis-seħħ. Id-deċiżjoni tal-Kunsill trid tiġi rieżaminata fuq bażi regolari, fuq proposta mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġu estiżi, immodifikati jew jitneħħew il-miżuri adottati.

**L-Artikolu 31** huwa mmodifikat sabiex jistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-informazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, applikabbli taħt l-erba' mekkaniżmi kollha.

**L-Artikolu 33** huwa mmodifikat sabiex l-obbligu ta' rapportar dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni ma jibqax marbut mal-fatt li jitneħħew tali kontrolli. Huwa jipprovdi wkoll aktar dettalji dwar l-elementi li jridu jiġu inklużi fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament taż-żona mingħajr fruntieri interni, u l-kooperazzjoni mal-Aġenziji f'dan ir-rigward.

**L-Artikolu 39** immodifikat tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jikkomplementa **l-Artikolu 2** tar-Regolament propost u jipprevedi obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni r-reġjuni transfruntiera, sabiex jiġi ddeterminat l-ambitu ta' kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni li trid tiġi prevista f'Regolament ta' Implimentazzjoni skont l-Artikolu 28 u ż-żoni li jridu jitqiesu meta jiġi stmat l-impatt skont l-Artikolu 26 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Sabiex jitqiesu aħjar l-interessi tar-reġjuni transfruntiera meta jiġu applikati l-Artikoli 26 u 28 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, **l-Artikolu 42b** il-ġdid jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ir-reġjuni transfruntiera magħżula.

2021/0428 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 77(2)(b) u (e) u l-Artikolu 79(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), l-Unjoni tinkludi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li hija ħielsa minn kontrolli fil-fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu tal-persuni huwa żgurat flimkien ma' miżuri xierqa rigward il-kontrolli fil-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 ("il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen")[42] jistabbilixxi regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni lejn u miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ("iż-Żona Schengen"), kif ukoll bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fiż-Żona Schengen.

(3) F'dawn l-aħħar snin, iż-żona Schengen kienet soġġetta għal sfidi mingħajr preċedent, li min-natura tagħhom ma kinux limitati għat-territorju ta' xi Stat Membru wieħed. Tali sfidi enfasizzaw il-fatt li l-preservazzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà fiż-żona Schengen hija responsabbiltà kondiviża li teħtieġ azzjoni magħquda u kkoordinata bejn l-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni. Huma enfasizzaw ukoll lakuni fir-regoli eżistenti li jirregolaw il-funzjonament taż-żona Schengen fil-fruntieri kemm esterni kif ukoll interni u l-ħtieġa li jinħoloq qafas aktar b'saħħtu u aktar robust li jippermetti rispons aktar effettiv għall-isfidi li qed tiffaċċja ż-żona Schengen.

(4) Il-kontroll fil-fruntieri esterni huwa fl-interess mhux biss tal-Istat Membru li fil-fruntieri esterni tiegħu jitwettaq, iżda tal-Istati Membri kollha li abolixxew il-kontroll fil-fruntieri interni u tal-Unjoni kollha kemm hi. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw standards għoljin fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħhom, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, id-dwana u awtoritajiet

[42] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

rilevanti oħrajn. L-Unjoni tipprovdi appoġġ attiv permezz tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-Aġenziji, mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta b'mod partikolari, u l-ġestjoni tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen. Ir-regoli applikabbli għall-fruntieri esterni jeħtieġ li jissaħħu sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-isfidi ġodda li tfaċċaw reċentement fil-fruntieri esterni.

(5) Il-pandemija tal-COVID-19 saħħet il-ħtieġa li l-Unjoni tkun imħejjija aħjar biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-fruntieri esterni relatati ma' sitwazzjonijiet ta' mard b'potenzjal ta' epidemija li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li t-theddid għas-saħħa pubblika jista' jirrikjedi regoli uniformi dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għall-ivvjaġġar lejn l-Unjoni Ewropea minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-adozzjoni ta' miżuri inkonsistenti u diverġenti fil-fruntieri esterni biex jiġi indirizzat tali theddid taffettwa b'mod negattiv il-funzjonament taż-żona Schengen kollha, tnaqqas il-prevedibbiltà għal vjaġġaturi minn pajjiżi terzi u l-kuntatti bejn il-persuni minn pajjiżi terzi. Sabiex iż-żona Schengen titħejja għall-isfidi futuri ta' skala komparabbli relatati mat-theddid għas-saħħa pubblika, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid li jenħtieġ li jippermetti l-adozzjoni u t-tneħħija f'waqthom ta' miżuri kkoordinati fil-livell tal-Unjoni. Il-proċedura l-ġdida fil-fruntiera esterna jenħtieġ li tiġi applikata f'sitwazzjoni ta' marda infettiva b'potenzjal ta' epidemija kif identifikata miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jew mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jikkomplementa l-proċeduri proposti li għandhom jiġu stabbiliti fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa[43],, notevolment fil-każ tar-rikonoxximent ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, u l-mandat rivedut taċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard.[44]

(6) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, ta' regolament li jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, inklużi restrizzjonijiet fuq id-dħul u kwalunkwe miżura oħra meħtieġa għall-ivvjaġġar fl-Unjoni Ewropea, u l-kundizzjonijiet għat-tneħħija tagħhom. Fid-dawl tan-natura politikament sensittiva ta' tali miżuri li jikkonċernaw id-dritt ta' dħul fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex jadotta tali regolament, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

(7) B'mod importanti, f'konformità mal-obbligi applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu minn drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom, jenħtieġ li dejjem jitħallew jidħlu fl-Unjoni. Ir-residenti fl-Unjoni jenħtieġ li dejjem jitħallew jirritornaw lejn l-Unjoni. L-att jenħtieġ li jkun fih l-elementi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ikunu effettivi, immirati, mhux diskriminatorji u proporzjonati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi. Jenħtieġ li dan jispeċifika, fejn rilevanti, kwalunkwe kategorija ta' vjaġġaturi li l-ivvjaġġar tagħhom jenħtieġ li jiġi eżentat mir-restrizzjonijiet fuq id-dħul. Barra minn hekk, jew b'mod alternattiv, jenħtieġ li l-att jispeċifika kwalunkwe żona ġeografika jew pajjiż terz minn fejn l-ivvjaġġar jista' jkun soġġett għal miżuri speċifiċi, abbażi ta' metodoloġija oġġettiva u kriterji applikabbli għalihom, li jenħtieġ li jinkludu, b'mod partikolari, is-

43 COM(2020)727.

44 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, COM(2020)726.

sitwazzjoni epidemjoloġika. L-att jista' jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi permess l-ivvjaġġar, bħal ittestjar, kwarantina, awtoiżolament jew kwalunkwe miżura xierqa oħra, bħall-ħtieġa li timtela formola ta' lokalizzazzjoni tal-passiġġieri jew għodda oħra ta' traċċar tal-kuntatti u wara li titqies, b'mod partikolari, kwalunkwe sistema tal-Unjoni żviluppata biex tiffaċilita l-ivvjaġġar f'kundizzjonijiet sikuri, bħal sistemi ta' ċertifikazzjoni diġitali. Fejn xieraq, l-istrument jista' jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu li jippermetti li jittieħdu miżuri addizzjonali f'każ li s-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-agħar b'mod drammatiku f'żona ġeografika waħda jew aktar.

(8) Huwa meħtieġ ukoll li jissaħħu r-regoli u s-salvagwardji fid-dritt tal-Unjoni sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu malajr biex jiġġieldu l-każijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti. Tali strumentalizzazzjoni jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għal sitwazzjoni fejn pajjiż terz jinstiga flussi migratorji irregolari lejn l-Unjoni billi jinkoraġġixxi jew jiffaċilita b'mod attiv il-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri, fejn tali azzjonijiet jindikaw intenzjoni li jiddestabbilizzaw l-Unjoni kollha kemm hi jew Stat Membru u fejn in-natura ta' tali azzjonijiet tista' tpoġġi f'riskju funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inklużi l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma tal-liġi u tal-ordni jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu.

(9) L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti tista' tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn l-ivvjaġġar irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkun ġie mħeġġeġ jew iffaċilitat b'mod attiv minn pajjiż terz lejn it-territorju tiegħu stess biex tintlaħaq il-fruntiera esterna tal-Istati Membri, iżda tista' tirreferi bl-istess mod għat-tħeġġiġ jew l-iffaċilitar attiv tal-ivvjaġġar irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi diġà preżenti f'dak il-pajjiż terz. L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti tista' tinvolvi wkoll l-impożizzjoni ta' miżuri koerċittivi, maħsuba biex iwaqqfu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi milli jitilqu miż-żoni tal-fruntiera tal-pajjiż terz li jwettaq l-istrumentalizzazzjoni, ħlief fid-direzzjoni ta' Stat Membru.

(10) Jenħtieġ li l-Unjoni timmobilizza l-għodod kollha mis-sett ta' għodod tagħha ta' miżuri diplomatiċi, finanzjarji u operazzjonali biex tappoġġa lill-Istati Membri li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' strumentalizzazzjoni. L-isforzi diplomatiċi mill-Unjoni jew mill-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jingħataw prijorità bħala l-mezz biex jiġi indirizzat il-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni. Din tista' tiġi ssupplimentata, fejn xieraq, mill-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi mill-Unjoni.

(11) Fl-istess ħin, minbarra dawn il-miżuri, huwa ugwalment meħtieġ li jkomplu jissaħħu r-regoli attwali b'rabta mal-kontrolli fil-fruntieri esterni u s-sorveljanza tal-fruntieri. Sabiex jassisti aktar lill-Istat Membru jiffaċċja strumentalizzazzjoni tal-migranti, ir-Regolament (UE) XXX/XXX jikkomplementa r-regoli dwar il-kontroll fil-fruntieri billi jipprevedi miżuri speċifiċi fil-qasam tal-ażil u r-ritorn, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati u, b'mod partikolari, billi jiżgura r-rispett tad-dritt għall-ażil u jipprovdi l-assistenza meħtieġa mill-aġenziji tan-NU u minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn.

(12) B'mod partikolari, f'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, jenħtieġ li, fejn meħtieġ, ikun possibbli għall-Istat Membru kkonċernat li jillimita t-traffiku fil-fruntiera għall-minimu billi jagħlaq xi punti ta' qsim tal-fruntiera, filwaqt li jiggarantixxi aċċess ġenwin u effettiv għall-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din jenħtieġ li tqis jekk il-Kunsill Ewropew ikunx irrikonoxxa li l-Unjoni jew wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jkunu qegħdin jiffaċċjaw sitwazzjoni ta'

strumentalizzazzjoni tal-migranti. Barra minn hekk, kwalunkwe limitazzjoni bħal din jenħtieġ li tqis bis-sħiħ id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu skont ftehim internazzjonali u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul skont il-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni jew li huma detenturi ta' viżi fit-tul, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom. Tali limitazzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati wkoll b'mod li jiżgura r-rispett għall-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*.

(13) L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-aspetti operattivi tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, inklużi l-iskambju ta' informazzjoni, il-forniment ta' tagħmir, il-bini tal-kapaċità u t-taħriġ lill-gwardji tal-fruntiera nazzjonali, informazzjoni mmirata u analiżi tar-riskju, kif ukoll l-iskjerament tal-Korp Permanenti. Il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija joffri opportunitajiet konsiderevoli biex jiġu appoġġati l-attivitajiet ta' kontroll fil-fruntieri, inklużi l-operazzjonijiet ta' skrinjar u ritorn u t-tnedija ta' intervent rapidu fil-fruntieri u/jew intervent ta' ritorn fuq talba u fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat.

(14) Bis-saħħa tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta huwa meħtieġ li jirrakkomanda lil Stat Membru li jitlob lill-Aġenzija biex tibda, twettaq jew taġġusta l-appoġġ tal-Aġenzija, sabiex jiġu indirizzati t-theddid u l-isfidi identifikati fil-fruntieri esterni, meta l-kundizzjonijiet stipulati f'dik id-dispożizzjoni jiġu ssodisfati. B'mod partikolari, il-ħtieġa għall-appoġġ tal-Aġenzija tista' ssir evidenti f'sitwazzjonijiet fejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tkun wettqet valutazzjoni tal-vulnerabbiltà ddedikata b'rabta mal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti. Abbażi tar-riżultati ta' tali valutazzjoni tal-vulnerabbiltà jew meta livell ta' impatt kritiku jiġi attribwit lil taqsima waħda jew aktar tal-fruntiera esterna u b'kont meħud tal-elementi rilevanti fil-pjanijiet ta' kontinġenza tal-Istat Membru, l-analiżi tar-riskji tal-Aġenzija u s-saff tal-analiżi tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea, jenħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat biex jitlob li l-Aġenzija tibda, twettaq jew taġġusta l-appoġġ tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Din il-kompetenza tad-Direttur Eżekuttiv hija mingħajr preġudizzju għall-appoġġ ġenerali li l-Aġenzija tista' tkun qed tipprovdi lill-Istati Membri.

(15) Barra minn hekk, fil-każ ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat isaħħaħ il-kontroll fil-fruntieri, inkluż, kif xieraq, permezz ta' miżuri addizzjonali li jipprevjenu l-qsim illegali u l-iskjerament ta' riżorsi addizzjonali u mezzi tekniċi biex jipprevjenu l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera. Tali mezzi tekniċi jistgħu jinkludu teknoloġiji moderni, inklużi droni u sensuri tal-moviment, kif ukoll unitajiet mobbli. L-użu ta' tali mezzi tekniċi, b'mod partikolari, kwalunkwe teknoloġija li tista' tiġbor *data* personali, jeħtieġ li jkun ibbażat fuq dispożizzjonijiet definiti b'mod ċar tal-liġi nazzjonali u eżerċitat f'konformità magħhom.

(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tispeċifika, f'atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, standards xierqa għas-sorveljanza tal-fruntieri, li jikkonċernaw b'mod partikolari t-teknoloġiji ġodda li jistgħu jużaw l-Istati Membri, filwaqt li tqis it-tip ta' fruntiera (tal-art, tal-baħar jew tal-ajru), il-livelli tal-impatt attribwiti lil kull taqsima tal-fruntiera esterna f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1896 u fatturi rilevanti oħrajn, bħala rispons speċifiku għal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti.

(17) F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li l-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament u b'mod sigur bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-projbizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jwettqu verifiki fit-territorju tagħhom, inkluż fil-fruntieri interni tagħhom, għal finijiet oħrajn għajr il-kontroll fil-fruntieri. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-awtoritajiet tas-saħħa jew tal-infurzar tal-liġi, jibqgħu, fil-prinċipju, liberi li jwettqu verifiki fl-eżerċitar tas-setgħat pubbliċi previsti skont il-liġi nazzjonali.

(18) Filwaqt li l-projbizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni testendi wkoll għal verifiki li jkollhom effetti ekwivalenti, jenħtieġ li l-verifiki mill-awtoritajiet kompetenti ma jitqisux bħala ekwivalenti għall-eżerċitar tal-verifiki fil-fruntieri meta ma jkollhomx il-kontroll fil-fruntieri bħala objettiv, meta jkunu bbażati fuq informazzjoni ġenerali u l-esperjenza tal-awtoritajiet kompetenti rigward theddid possibbli għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku, inkluż meta jkollhom l-għan li jiġġieldu s-soġġorn jew ir-residenza irregolari u r-reati transfruntiera marbuta mal-migrazzjoni irregolari, meta jkunu mfassla u eżegwiti b'mod li jkun distint b'mod ċar mill-verifiki sistematiċi fuq persuni fil-fruntieri esterni, u meta jsiru f'ċentri tat-trasport, bħal portijiet, stazzjonijiet tal-ferrovija jew tal-karozzi tal-linja u ajruporti jew direttament abbord servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, u meta jkunu bbażati fuq analiżi tar-riskju.

(19) Filwaqt li jenħtieġ li l-flussi migratorji irregolari ma jitqisux, minnhom infushom, bħala theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, huma jistgħu jkunu jeħtieġu miżuri addizzjonali biex jiżguraw il-funzjonament taż-żona Schengen.

(20) Il-ġlieda kontra r-residenza jew is-soġġorn illegali u kontra l-kriminalità transfruntiera marbuta mal-migrazzjoni irregolari, bħat-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u l-frodi tad-dokumenti u forom oħrajn ta' kriminalità transfruntiera tista' b'mod partikolari tinkludi miżuri li jippermettu l-verifikazzjoni tal-identità, tan-nazzjonalità u tal-istatus ta' residenza tal-persuni, diment li tali verifikazzjonijiet ma jkunux sistematiċi u jitwettqu abbażi ta' analiżi tar-riskju.

(21) L-użu ta' teknoloġiji moderni biex jimmonitorjaw il-flussi tat-traffiku, notevolment fuq l-awtostradi u toroq importanti oħrajn iddeterminati mill-Istati Membri, jista' jkun strumentali biex jiġi indirizzat it-theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna. Jenħtieġ li l-projbizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma tinftiehemx bħala li tipprevjeni l-eżerċitar legali tal-pulizija jew ta' setgħat pubbliċi oħrajn li jitwettqu verifiki fiż-żoni tal-fruntieri interni. Dan jinkludi verifiki li jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza li ġeneralment jintużaw fit-territorju jew li huma bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju għall-fini tal-protezzjoni tas-sigurtà interna. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' tali teknoloġiji għall-verifiki ma jitqiesx bħala ekwivalenti għall-kontrolli fil-fruntieri.

(22) Sabiex tali teknoloġiji jkunu jistgħu jkunu effettivi, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu applikati limiti tal-veloċità proporzjonati fil-qsim tal-fruntieri bit-triq.

(23) Jenħtieġ li l-projbizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma tillimitax it-twettiq tal-verifiki previsti fi strumenti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli previsti f'dan ir-Regolament ma jaffettwawx ir-regoli applikabbli rigward it-twettiq ta' verifiki fuq id-*data* tal-passiġġieri mal-bażijiet tad-*data* rilevanti qabel il-wasla.

(24) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-verifiki mwettqa mill-Istati Membri fl-eżerċitar tal-kompetenzi nazzjonali jibqgħu konsistenti bis-sħiħ ma' żona li hija ħielsa mill-kontrolli fil-fruntieri interni. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja,

aktar ma jkunu estensivi l-indikazzjonijiet li l-verifiki mwettqa mill-Istati Membri fiż-żoni tal-fruntiera tagħhom għandhom effett ekwivalenti għall-kontroll fil-fruntieri, filwaqt li jitqiesu l-objettiv ta' tali verifiki, l-ambitu territorjali tagħhom u d-differenzi possibbli meta mqabbla mal-verifiki mwettqa fil-bqija tat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, akbar tkun il-ħtieġa għal regoli u limitazzjonijiet stretti u dettaljati li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar, mill-Istati Membri, tas-setgħat tal-pulizija tagħhom f'żona tal-fruntiera.

(25) Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Sabiex jissaħħaħ il-funzjonament taż-żona Schengen, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali biex jiġġieldu l-movimenti irregolari bejn l-Istati Membri, u jiġġieldu s-soġġorni illegali. Meta l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru jaqbdu ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment fil-fruntieri interni waqt kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, jenħtieġ li jkun possibbli għal dawk l-awtoritajiet li jċaħħdu lil tali persuni mid-dritt li jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tagħhom u li jittrasferuhom lejn l-Istat Membru minn fejn ikunu daħlu. L-Istat Membru minn fejn il-persuna tkun direttament ġiet, min-naħa tiegħu jkun meħtieġ jirċievi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda.

(26) Il-proċedura li biha Stat Membru jista' jittrasferixxi ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment lejn Stat Membru minn fejn il-persuna tkun direttament ġiet jenħtieġ li ssir malajr, iżda tkun soġġetta għal salvagwardji u titwettaq b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tal-Karta, sabiex jiġi evitat it-tfassil ta' profili razzjali. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet li jwettqu verifikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti disponibbli minnufih għall-awtoritajiet dwar il-movimenti tal-persuni kkonċernati. Tali informazzjoni tista' tinkludi elementi oġġettivi li jippermettu lill-awtoritajiet jikkonkludu li l-persuna tkun ivvjaġġat reċentement minn Stati Membri oħrajn, bħall-pussess ta' dokumenti, inklużi riċevuti jew fatturi, li jagħtu prova ta' vjaġġar reċenti minn Stat Membru ieħor. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' trasferiment jenħtieġ li jiġu pprovduti b'deċiżjoni motivata bil-miktub. Filwaqt li jenħtieġ li d-deċiżjoni tkun infurzabbli immedjatament, jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jingħata rimedju effettiv biex jappella kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment jew jitlob li jsir rieżami tagħha. Jenħtieġ li dan ir-rimedju ma jkollux effett sospensiv.

(27) Jenħtieġ li l-proċedura ta' trasferiment prevista f'dan ir-Regolament ma taffettwax il-possibbiltà eżistenti għall-Istati Membri li jirritornaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti bilaterali msemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115/KE (id-"Direttiva dwar ir-Ritorn"), meta tali persuni ma jinqabdux fil-viċinanza tal-fruntieri interni. Sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' tali ftehimiet u jikkomplementaw l-objettiv tal-protezzjoni taż-żona mingħajr fruntieri interni, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti ġodda u jaġġornaw dawk eżistenti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bi kwalunkwe modifika jew aġġornament bħal dawn ta' ftehimiet jew arranġamenti ġodda. Meta Stat Membru jkun ħa lura ċittadin ta' pajjiż terz skont il-proċedura prevista f'dan ir-Regolament jew abbażi ta' ftehim jew arranġament bilaterali, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ikun meħtieġ joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-proċeduri l-ġodda previsti f'dan ir-Regolament u r-regoli

eżistenti dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, hija meħtieġa modifika mmirata tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

(28) F'każijiet eċċezzjonali, l-indirizzar tat-theddid għaż-żona Schengen jista' jirrikjedi l-adozzjoni, mill-Istati Membri, ta' miżuri fil-fruntieri interni. L-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jiddeterminaw il-ħtieġa għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri jew l-estensjoni tagħhom. Skont ir-regoli eżistenti, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni hija prevista f'ċirkostanzi fejn theddida serja għas-sigurtà interna jew għall-ordni pubbliku timmanifesta ruħha fi Stat Membru wieħed għal perjodu ta' żmien limitat. B'mod partikolari, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq skala kbira jew l-avvenimenti internazzjonali fuq skala kbira jew ta' profil għoli, bħal avvenimenti sportivi, kummerċjali jew politiċi, jistgħu jammontaw għal theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna.

(29) Barra minn hekk, theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tista' tirriżulta wkoll minn movimenti mhux awtorizzati fuq skala kbira ta' migranti irregolari bejn l-Istati Membri fejn dan joħloq sitwazzjoni li tpoġġi pressjoni fuq ir-riżorsi u l-kapaċitajiet ġenerali tas-servizzi nazzjonali responsabbli, meta l-mezzi l-oħrajn previsti skont dan ir-Regolament ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw dawn l-influssi u l-movimenti. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw rapporti oġġettivi u kkwantifikati dwar movimenti mhux awtorizzati kull meta jkunu disponibbli, b'mod partikolari, meta jiġu prodotti fuq bażi regolari mill-aġenziji kompetenti tal-Unjoni f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li juża l-informazzjoni pprovduta mill-aġenziji biex juri l-karattru eċċezzjonali tat-theddida identifikata kkawżata minn moviment mhux awtorizzat fil-valutazzjoni tar-riskju, sabiex jiġġustifika b'din ir-raġuni l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

(30) Filwaqt li azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija prevista f'ċirkostanzi fejn in-natura ta' theddida tirriżulta minn nuqqasijiet serji persistenti fil-fruntieri esterni, ma hemm l-ebda mekkaniżmu għall-Unjoni kollha li japplika għal sitwazzjonijiet fejn, fiż-żona Schengen, theddida serja għall-qasam tas-sigurtà interna jew tal-ordni pubbliku tkun qed taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri, filwaqt li tpoġġi f'riskju l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen. Jenħtieġ li l-lakuna timtela billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid ta' salvagwardja taż-żona Schengen li jippermetti soluzzjonijiet ikkoordinati biex jiġu protetti l-interessi tal-persuni intitolati li jibbenefikaw miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, billi tiġi massimizzata l-effettività tal-miżuri meħuda, filwaqt li jiġu minimizzati l-effetti sekondarji negattivi tagħhom.

(31) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu l-ġdid ta' salvagwardja taż-żona Schengen jippermetti lill-Kunsill jadotta, fuq proposta mill-Kummissjoni, deċiżjoni li tawtorizza l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, meta dan ikun iġġustifikat minn theddida partikolari, identifikata abbażi tan-notifiki riċevuti minn Stati Membri individwali, jew informazzjoni oħra disponibbli, b'mod partikolari valutazzjoni tar-riskju, f'każ ta' estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni għal aktar minn sitt xhur. Minħabba n-natura politikament sensittiva ta' tali deċiżjoni li tirregola l-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jintroduċu jew jestendu l-kontrolli fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi partikolari, jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex jadotta deċiżjoni, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

(32) Fid-determinazzjoni ta' jekk l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni mill-Istati Membri hijiex ġustifikata, jenħtieġ li l-Kunsill iqis jekk

hijiex disponibbli kwalunkwe miżura oħra li tista' tiżgura livell għoli ta' sigurtà fit-territorju, bħal verifiki msaħħa fiż-żoni tal-fruntieri interni mill-awtoritajiet kompetenti. Fil-każ li estensjoni tal-kontrolli ma titqiesx bħala ġustifikata, jenħtieġ li l-Kummissjoni, minflok, tirrakkomanda l-użu ta' miżuri oħrajn meqjusa aktar xierqa biex jindirizzaw it-theddida identifikata.

(33) Jenħtieġ li l-istabbiliment tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' salvagwardja taż-żona Schengen ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jirrikorru minn qabel għal miżuri unilaterali f'konformità mar-Regolament, fejn is-sitwazzjoni tkun teħtieġ hekk. Madankollu, ladarba tiġi adottata, jenħtieġ li l-miżura tal-Unjoni ssir l-unika bażi għal rispons ikkoordinat għat-theddida identifikata.

(34) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li d-deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata għal perjodu ta' żmien limitat sa massimu ta' sitt xhur li jista' jiġi estiż, soġġett għal rieżami regolari fuq proposta mill-Kummissjoni, sakemm it-theddida tinstab li qed tippersisti. Jenħtieġ li d-deċiżjoni inizjali tinkludi valutazzjoni tal-impatt mistenni tal-miżuri adottati, inklużi l-effetti sekondarji negattivi tagħha, bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk il-kontrolli fil-fruntieri interni humiex ġustifikati jew jekk jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri inqas restrittivi minflokhom. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet sussegwenti jqisu l-evoluzzjoni tat-theddida identifikata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill.

(35) Jenħtieġ li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni tibqa' possibbli wkoll meta jippersistu nuqqasijiet serji fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, li jpoġġu f'riskju l-funzjonament kumplessiv taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Il-perjodi meta l-kontrolli fil-fruntieri jkunu ġew introdotti mill-Istati Membri minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jew meta l-Kunsill jieħu deċiżjoni li jirrakkomanda l-introduzzjoni mill-ġdid minħabba li theddida taffettwa għadd sinifikanti ta' Stati Membri, jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-perjodu ta' sentejn applikabbli għall-introduzzjonijiet mill-ġdid ibbażati fuq nuqqasijiet serji fil-fruntieri esterni.

(36) L-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni, kemm jekk abbażi ta' deċiżjonijiet unilaterali tal-Istati Membri kif ukoll jekk fil-livell tal-Unjoni, għandha implikazzjonijiet serji għall-funzjonament taż-żona Schengen. Sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri tittieħed biss meta jkun meħtieġ, bħala miżura aħħarija, jenħtieġ li d-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri tkun ibbażata fuq kriterji komuni, filwaqt li ssir enfasi fuq in-neċessità u l-proporzjonalità. Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirrikjedi li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni tkun soġġetta għal salvagwardji li jiżdiedu maż-żmien.

(37) L-ewwelnett, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw l-adegwatezza tal-kontrolli fil-fruntieri interni wara li jqisu n-natura tat-theddida serja identifikata. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari u jivvalutaw l-impatt probabbli tal-kontrolli fil-fruntieri interni fuq il-moviment ta' persuni fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u l-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tkun parti min-notifika li l-Istati Membri huma meħtieġa li jibagħtu lill-Kummissjoni. F'każ ta' estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni għal avvenimenti prevedibbli lil hinn minn perjodu inizjali ta' sitt xhur, jenħtieġ li l-Istat Membru jivvaluta wkoll l-adegwatezza ta' miżuri alternattivi biex jiġu segwiti l-istess objettivi tal-kontrolli fil-fruntieri interni, bħal verifiki proporzjonati kif imwettqa fl-eżerċitar

tas-setgħat tal-pulizija jew ta' setgħat pubbliċi oħrajn jew permezz ta' forom ta' kooperazzjoni tal-pulizija kif previst skont id-dritt tal-Unjoni, u l-possibbiltà li tintuża l-proċedura ta' trasferiment.

(38) Sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi dannużi li jirriżultaw mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li kwalunkwe deċiżjoni li jiġu introdotti mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri interni tkun akkumpanjata minn miżuri ta' mitigazzjoni, jekk ikun meħtieġ. Jenħtieġ li tali miżuri jkunu jinkludu miżuri li jiggarantixxu operazzjoni bla xkiel tat-tranżitu tal-merkanzija u tal-persunal tat-trasport u tal-baħħara permezz tal-istabbiliment ta' "korsiji ħodor". Barra minn hekk, u sabiex titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat il-moviment ta' persuni li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jkunu essenzjali għall-preservazzjoni tal-katina tal-provvista jew għall-forniment ta' servizzi essenzjali, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw ukoll il-linji gwida eżistenti dwar il-ħaddiema transfruntiera[45]. F'dan l-isfond, jenħtieġ li r-regoli għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni jqisu l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati matul il-pandemija tal-COVID-19 bħala xibka ta' sikurezza solida għas-Suq Uniku, bl-iskop li jiġi żgurat li dawn jiġu applikati mill-Istati Membri, fejn xieraq, bħala miżuri ta' mitigazzjoni matul il-kontrolli fil-fruntieri interni introdotti mill-ġdid. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu identifikati miżuri bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament bla interruzzjoni tas-Suq Uniku u jiġu salvagwardjati l-interessi tar-reġjuni transfruntiera u ta' "bliet ġemellati", inklużi, pereżempju, awtorizzazzjonijiet jew derogi għall-abitanti ta' reġjuni transfruntiera.

(39) In-notifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun deċiżiva meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Sabiex jiġi żgurat sett komparabbli ta' informazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta mudell għan-notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni f'att ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu intitolati jikklassifikaw l-informazzjoni kollha pprovduta fin-notifika, jew partijiet minnha, mingħajr preġudizzju għall-funzjonament ta' mezzi xierqa u siguri ta' kooperazzjoni tal-pulizija.

(40) Sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli fil-fruntieri interni jkunu verament miżura aħħarija applikata biss sakemm tkun meħtieġa u sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati n-neċessità u l-proporzjonalità tal-kontrolli fil-fruntieri interni biex jiġi indirizzat it-theddid prevedibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jħejju valutazzjoni tar-riskju li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni meta l-kontrolli fil-fruntieri interni jiġu estiżi lil hinn minn perjodu inizjali ta' sitt xhur b'reazzjoni għal theddid prevedibbli. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jispjegaw l-iskala u l-evoluzzjoni tat-theddida serja identifikata, inkluż kemm it-theddida serja identifikata hija mistennija li ddum tippersisti u liema taqsimiet tal-fruntieri interni jistgħu jiġu affettwati, kif ukoll il-miżuri ta' koordinazzjoni tagħhom mal-Istati Membri l-oħrajn affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati minn tali miżuri.

(41) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata titlob informazzjoni addizzjonali bbażata fuq in-notifika li tirċievi, inkluż dwar il-valutazzjoni tar-riskju jew il-miżuri ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-Istati Membri affettwati mill-estensjoni ppjanata tal-kontroll fil-fruntieri interni. Meta n-notifika ma tkunx konformi mar-rekwiżiti minimi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddiskuti n-notifika mal-Istat Membru kkonċernat u titlob informazzjoni addizzjonali jew sottomissjoni mill-ġdid tan-notifika.

45 2020/C 102 I/03.

(42) Sabiex jiġi żgurat grad suffiċjenti ta' trasparenza tal-azzjonijiet li jaffettwaw l-ivvjaġġar mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinformaw ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-elementi ewlenin li jikkonċernaw l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata tal-kontrolli fil-fruntieri. F'każijiet ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jikklassifikaw ukoll tali informazzjoni. Kull sena, skont l-Artikolu 33 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ("rapport dwar l-Istat ta' Schengen"), li jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni fir-rigward tal-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jibni fuq l-informazzjoni disponibbli mill-Aġenziji rilevanti u l-analiżi tad-*data* mis-sistemi ta' informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan jivvaluta wkoll in-neċessità u l-proporzjonalità tal-introduzzjonijiet mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri fil-perjodu kopert minn dak ir-Rapport. Ir-rapport dwar l-Istat ta' Schengen jenħtieġ li jkopri wkoll l-obbligi ta' rapportar li jirriżultaw mill-Artikolu 20 tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen[46].

(43) Il-mekkaniżmu għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni f'sitwazzjonijiet urġenti jew biex jiġi indirizzat theddid prevedibbli jenħtieġ li jipprevedi l-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li torganizza konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri, inkluż fuq talba ta' kwalunkwe Stat Membru. L-Aġenziji rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu involuti f'dan il-proċess sabiex jikkondividu l-għarfien espert tagħhom, fejn xieraq. Jenħtieġ li tali konsultazzjonijiet jeżaminaw il-modalitajiet tat-twettiq tal-kontrolli fil-fruntieri interni u l-iskeda ta' żmien tagħhom, il-miżuri ta' mitigazzjoni possibbli, kif ukoll il-possibbiltajiet li minflok jiġu applikati miżuri alternattivi. Meta l-Kummissjoni jew Stat Membru jkunu ħarġu opinjoni li tesprimi tħassib rigward l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri, tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jkunu obbligatorji.

(44) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li jesprimu kwalunkwe tħassib fir-rigward tan-neċessità u tal-proporzjonalità ta' deċiżjoni ta' Stat Membru li jerġa' jintroduċi kontrolli fil-fruntieri interni għal raġuni ta' urġenza jew biex jindirizza theddida prevedibbli. F'każ li l-kontrolli fil-fruntieri interni jiġu introdotti mill-ġdid u estiżi għal theddid prevedibbli għal perjodi kkombinati li jaqbżu t-tmintax-il xahar, jenħtieġ li jkun rekwiżit għall-Kummissjoni li toħroġ opinjoni li tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali kontrolli fil-fruntieri interni. Meta Stat Membru jqis li hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-ħtieġa kontinwa għal kontrolli fil-fruntieri interni għal perjodu ta' aktar minn sentejn, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ opinjoni ta' segwitu. Tali opinjoni hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' infurzar, inklużi azzjonijiet ta' ksur, li l-Kummissjoni tista' tieħu fi kwalunkwe ħin kontra kwalunkwe Stat Membru għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni. Meta tinħareġ opinjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tniedi konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati.

(45) Sabiex tkun tista' ssir l-analiżi *post factum* tad-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu obbligati li jissottomettu rapport dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ladarba

[46] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

jneħħu l-kontrolli. Meta l-kontrolli jinżammu fis-seħħ għal perjodi twal ta' żmien, jenħtieġ li tali rapport jiġi sottomess ukoll wara tnax-il xahar, u kull sena minn hemm 'il quddiem jekk eċċezzjonalment jinżammu l-kontrolli u sakemm jinżammu l-kontrolli. Jenħtieġ li r-rapport jiddeskrivi, b'mod partikolari, il-valutazzjoni inizjali u ta' segwitu tan-neċessità tal-kontrolli fil-fruntieri interni u r-rispett tal-kriterji għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta mudell f'att ta' implimentazzjoni u tagħmlu disponibbli online.

(46) Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw kontra l-persuni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

(47) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-setgħat tagħhom biex iwettqu verifiki fit-territorju u japplikaw proċeduri rilevanti b'rispett sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* skont id-dritt tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, fil-qasam ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

(48) L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jsaħħaħ il-funzjonament taż-żona Schengen. Dan l-objettiv ma jistax jintlaħaq bl-Istati Membri jaġixxu weħidhom. Għalhekk, hija meħtieġa emenda tar-regoli komuni stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħaq dawk l-objettivi.

(49) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(50) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li fih l-Irlanda ma tipparteċipax, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[47]; Għalhekk, l-Irlanda ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(51) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-

[47] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[48], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[49].

(52) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[50] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE[51] moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE.[52]

(53) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[53] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[54].

(54) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE[55].

(55) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(56) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2016/399 u d-Direttiva 2008/115/KE jiġu emendati kif xieraq,

---

48 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

49 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

50 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

51 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

52 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta' Schengen, ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

53 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

54 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni, ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

55 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jiġi mmodifikat kif ġej:

a) il-punt 12 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

12. "sorveljanza tal-fruntiera" tfisser is-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim u l-punti ta' qsim tal-fruntiera barra mill-ħinijiet tal-ftuħ fissi, inklużi miżuri preventivi biex jiġi identifikat u evitat il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri jew iċ-ċirkomvenzjoni tal-verifiki fil-fruntieri.

b) jiżdiedu l-punti minn 27 sa 30 li ġejjin:

27. "strumentalizzazzjoni tal-migranti" tirreferi għal sitwazzjoni fejn pajjiż terz jinstiga flussi migratorji irregolari fl-Unjoni billi jħeġġeġ jew jiffaċilita b'mod attiv il-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-fruntieri esterni, lejn jew mit-territorju tiegħu u mbagħad 'il quddiem lejn dawk il-fruntieri esterni, meta tali azzjonijiet ikunu indikattivi ta' intenzjoni ta' pajjiż terz li jiddestabbilizza lill-Unjoni jew lil Stat Membru, meta n-natura ta' tali azzjonijiet tista' tpoġġi f'riskju funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inkluża l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma tal-liġi u tal-ordni jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu;

28. "vjaġġar essenzjali" tfisser vjaġġar b'rabta ma' funzjoni jew ħtieġa essenzjali, b'kont meħud ta' kwalunkwe obbligu internazzjonali applikabbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri u elenkat fl-Anness XI;

29. "vjaġġar mhux essenzjali" tfisser vjaġġar għal finijiet minbarra vjaġġar essenzjali;

30. "ċentri tat-trasport" tfisser ajruporti, portijiet tal-baħar jew tax-xmajjar, stazzjonijiet tal-ferrovija jew tal-karozzi tal-linja."

(2) Fl-Artikolu 5, jiżdied paragrafu 4 ġdid:

"4. F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta' punti ta' qsim tal-fruntiera kif innotifikat skont il-paragrafu 1 jew il-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu dan.

Kwalunkwe limitazzjoni adottata skont l-ewwel subparagrafu għandha tiġi implimentata b'mod li jkun proporzjonat u li jqis bis-sħiħ id-drittijiet ta':

(a) il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni;

(b) iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[56], il-persuni li jiksbu d-dritt tagħhom li jirrisjedu minn strumenti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali jew li għandhom viżi nazzjonali għal soġġorn twil, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom;

(c) iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali."

(3) L-Artikolu 13 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

---

56 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

“Artikolu 13

*Sorveljanza tal-fruntieri*

1. L-iskop ewlieni tas-sorveljanza tal-fruntieri għandu jkun li jiġi identifikat u evitat il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, li tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera u li jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera illegalment.

Persuna li tkun qasmet fruntiera illegalment u li ma jkollhiex dritt tibqa’ fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tinqabad u tkun soġġetta għal proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE.

2. Il-gwardji tal-fruntiera għandhom jużaw unitajiet stazzjonarji jew mobbli biex iwettqu s-sorveljanza tal-fruntieri.

Din is-sorveljanza għandha titwettaq b’tali mod li tipprevjeni u tiskoraġġixxi lill-persuni milli jaqsmu l-fruntieri b’mod mhux awtorizzat bejn il-punti ta’ qsim tal-fruntieri u milli jevitaw il-verifiki fil-punti tal-qsim tal-fruntieri.

3. Is-sorveljanza bejn punti ta’ qsim tal-fruntiera għandha titwettaq minn gwardji tal-fruntiera li l-għadd u l-metodi tagħhom għandhom jiġu adattati għar-riskji u t-theddid eżistenti jew previsti. Hija għandha tinvolvi bidliet frekwenti u għal għarrieda fil-perjodi ta’ sorveljanza u metodi jew tekniki oħrajn, sabiex il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri jiġi identifikat jew impedit b’mod effettiv.

4. Is-sorveljanza għandha titwettaq minn unitajiet stazzjonarji jew mobbli li jwettqu dmirijiethom billi jagħmlu rondi jew jistazzjonaw ruħhom f’postijiet magħrufa jew ipperċepiti bħala sensittivi, bl-għan ta’ tali sorveljanza jkun li jiġi impedit il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri jew li jinqabdu l-individwi li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera illegalment. Is-sorveljanza tista’ titwettaq ukoll b’mezzi tekniċi, inklużi mezzi elettroniċi, tagħmir u sistemi ta’ sorveljanza.

5. F’sitwazzjoni ta’ strumentalizzazzjoni tal-migranti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jintensifika s-sorveljanza tal-fruntieri kif meħtieġ sabiex jindirizza t-theddida miżjuda. B’mod partikolari, l-Istat Membru għandu jtejjeb, kif xieraq, ir-riżorsi u l-mezzi tekniċi biex jiġi evitat qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera.

Dawk il-mezzi tekniċi jistgħu jinkludu teknoloġiji moderni, inklużi droni u sensuri tal-moviment, kif ukoll unitajiet mobbli biex jiġi evitat qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera fl-Unjoni.

6. Mingħajr preġudizzju għall-appoġġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista’ tipprovdi lill-Istati Membri, fil-każ ta’ sitwazzjoni ta’ strumentalizzazzjoni tal-migranti, l-Aġenzija tista’ twettaq valutazzjoni tal-vulnerabbiltà kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 10(1) u fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57], bil-ħsieb li jiġi pprovdut l-appoġġ meħtieġ lill-Istat Membru kkonċernat.

Abbażi tar-riżultati ta’ dik il-valutazzjoni jew ta’ kwalunkwe valutazzjoni tal-

[57] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019.

vulnerabbiltà rilevanti oħra jew l-attribuzzjoni ta' livell ta' impatt kritiku lit-taqsima tal-fruntiera kkonċernata skont it-tifsira tal-Artikolu 35(1)(d) tar-Regolament (UE) 2019/1896, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 41(1) ta' dak ir-Regolament, lil kwalunkwe Stat Membru kkonċernat.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 dwar miżuri addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza, inkluż l-iżvilupp ta' standards għas-sorveljanza tal-fruntieri, b'mod partikolari l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza u monitoraġġ fil-fruntieri esterni, filwaqt li tqis it-tip ta' fruntieri, il-livelli tal-impatt attribwiti lil kull taqsima tal-fruntiera esterna f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1896 u fatturi rilevanti oħrajn."

(4) Il-Kapitolu V jingħata titolu ġdid kif ġej: "Miżuri speċifiċi relatati mal-fruntieri esterni"

Fil-Kapitolu V, jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

"Artikolu 21a

*Restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar lejn l-Unjoni Ewropea*

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal sitwazzjonijiet fejn iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jew il-Kummissjoni jidentifikaw l-eżistenza f'pajjiż terz wieħed jew aktar ta' marda infettiva b'potenzjal ta' epidemija kif definit mill-istrumenti rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

2. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jadotta regolament ta' implimentazzjoni, li jipprevedi restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar lejn l-Istati Membri.

Tali restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq id-dħul fl-Istati Membri u miżuri oħrajn meqjusa meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, pereżempju, ittestjar, kwarantina u awtoiżolament.

3. Il-kategoriji ta' persuni li ġejjin għandhom jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet fuq id-dħul, indipendentement mill-iskop tal-ivvjaġġar tagħhom:

a) persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni;

b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul skont id-Direttiva 2003/109/KE, persuni li jiksbu d-dritt tagħhom li jirrisjedu minn strumenti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali jew li għandhom viżi nazzjonali għal soġġorn twil, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom.4. Ir-regolament ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu, fejn xieraq:

a) jiddefinixxi kwalunkwe kategorija ta' persuni li jwettqu vjaġġar mhux essenzjali li jridu jiġu eżentati minn kwalunkwe restrizzjoni applikabbli għall-ivvjaġġar;

b) jidentifika kwalunkwe żona ġeografika jew pajjiż terz minn fejn l-ivvjaġġar mhux essenzjali jista' jkun soġġett għal restrizzjonijiet jew eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet, filwaqt li jqis is-sitwazzjoni partikolari

taż-żoni jew tal-pajjiżi kkonċernati abbażi ta' metodoloġija u kriterji oġġettivi, inkluża, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni epidemjoloġika;

c) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-ivvjaġġar mhux essenzjali kif imsemmi fil-punti (a) u (b) jista' jiġi ristrett jew eżentat mir-restrizzjonijiet, inkluża prova li għandha tiġi ppreżentata biex tappoġġa l-eżenzjoni u l-kundizzjonijiet relatati mad-durata u n-natura tas-soġġorn fiż-żoni jew fil-pajjiżi msemmija fil-punt (b);

d) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, b'mod eċċezzjonali, fuq persuni li jwettqu vjaġġar essenzjali, f'każ li s-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-agħar f'daqqa u, b'mod partikolari, fejn ikun instab varjant ta' tħassib jew varjant ta' interess.

5. Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar essenzjali msemmija fil-paragrafu 4(d) ma jistgħux jinkludu restrizzjonijiet fuq id-dħul fir-rigward tal-vjaġġaturi elenkati fil-punt i. u fil-punti minn iv. sa viii. tal-Anness XI."

(5) L-Artikolu 23 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23
*L-eżerċitar tas-setgħat pubbliċi*

In-nuqqas ta' kontroll fil-fruntieri interni ma għandux jaffettwa:

a) l-eżerċitar tas-setgħat tal-pulizija jew ta' setgħat pubbliċi oħrajn mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fit-territorju tagħhom, inkluż fiż-żoni tal-fruntieri interni tagħhom, kif mogħtija lilhom skont il-liġi nazzjonali, sa fejn l-eżerċitar ta' dawk is-setgħat ma jkollux effett ekwivalenti għall-verifiki fil-fruntieri.

L-eżerċitar mill-awtoritajiet kompetenti tas-setgħat tagħhom ma jistax, b'mod partikolari, jitqies bħala ekwivalenti għall-eżerċitar ta' verifiki fil-fruntiera meta l-miżuri:

i) ma jkollhomx il-kontroll fil-fruntieri bħala l-objettiv tagħhom;

ii) ikunu bbażati fuq informazzjoni ġenerali u l-esperjenza tal-awtoritajiet kompetenti rigward theddid possibbli għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku u jimmiraw, b'mod partikolari, lejn li:

– jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera;

– jiġġieldu r-residenza jew is-soġġorn irregolari, marbuta mal-migrazzjoni irregolari; jew

– irażżnu t-tixrid ta' marda infettiva b'potenzjal ta' epidemija kif identifikata miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard;

iii) ikunu mfassla u eżegwiti b'mod li jkun distint b'mod ċar mill-verifiki sistematiċi fuq persuni fil-fruntieri esterni, inkluż meta jitwettqu f'ċentri tat-trasport jew direttament abbord servizzi tal-passiġġieri u meta jkunu bbażati fuq analiżi tar-riskju;

iv) jitwettqu, fejn xieraq, abbażi tat-teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza ġeneralment użati fit-territorju, għall-finijiet tal-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku kif stabbilit taħt ii);

b) il-possibbiltà għal Stat Membru li jwettaq verifiki tas-sigurtà fuq persuni mwettqa f'ċentri tat-trasport mill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi ta' kull Stat Membru, mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew mit-trasportaturi, diment li tali verifiki jitwettqu wkoll fuq persuni li jivvjaġġaw fi ħdan Stat Membru;

c) il-possibbiltà għal Stat Membru li jipprevedi bil-liġi obbligu li wieħed jżomm fuqu jew iġorr karti u dokumenti;

d) il-possibbiltà għal Stat Membru li jipprevedi bil-liġi obbligu fuq ċittadini ta' pajjiż terz li jirrapportaw il-preżenza tagħhom fit-territorju tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' verifiki fil-fruntieri komuni tagħhom ("il-Konvenzjoni ta' Schengen");

e) il-verifiki għall-finijiet ta' sigurtà tad-*data* tal-passiġġieri mal-bażijiet tad-*data* rilevanti dwar persuni li jivvjaġġaw fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi applikabbli."

(6) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 23a li ġej:

"Artikolu 23a

*Proċedura għat-trasferiment ta' persuni maqbuda fil-fruntieri interni*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-qbid ta' ċittadin ta' pajjiż terz fil-viċinanza tal-fruntieri interni, f'ċirkostanzi fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jissodisfax jew ma ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stipulati fl-Artikolu 6(1);

b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx kopert mid-deroga stipulata fil-punt (a) tal-Artikolu 6(5);

c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jinqabad waqt kooperazzjoni operattiva transfruntiera tal-pulizija, b'mod partikolari matul rondi konġunti tal-pulizija;

d) ikun hemm indikazzjonijiet ċari li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun wasal direttament minn Stat Membru ieħor, abbażi tal-informazzjoni disponibbli minnufih għall-awtoritajiet li jaqbduh, inklużi dikjarazzjonijiet mill-persuna kkonċernata, dokumenti tal-identità, dokumenti tal-ivvjaġġar jew dokumenti oħrajn li jinstabu fuq dik il-persuna jew ir-riżultati tat-tfittxijiet imwettqa fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu, abbażi ta' sejba li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jkollux dritt jibqa' fit-territorju tiegħu, jiddeċiedu li jittrasferixxu minnufih lill-persuna lejn l-Istat Membru li minnu tkun daħlet

jew ippruvat tidħol il-persuna, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Anness XII.

3. Meta Stat Membru japplika l-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru riċeventi għandu jkun meħtieġ jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirċievi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness XII.

4. Minn [*sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament*] u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-*data* rreġistrata f'konformità mal-punt 3 tal-Anness XII, rigward l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3."

(7) Fl-aħħar tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli kollha għall-fluss fluwidu tat-traffiku fil-punti ta' qsim tal-fruntieri interni bit-triq, b'mod partikolari kwalunkwe limitu tal-veloċità mhux esklussivament ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq jew meħtieġ għall-użu tat-teknoloġiji msemmija fil-punt (a)(iv) tal-Artikolu 23."

(8) L-Artikolu 25 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 25

*Qafas ġenerali għall-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni*

1. Meta, fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, ikun hemm theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista', b'mod eċċezzjonali, jerġa' jintroduċi kontrolli fil-fruntieri interni kollha tiegħu jew f'partijiet speċifiċi minnhom.

Theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tista' titqies li tinħoloq minn, b'mod partikolari:

(a) attivitajiet relatati mat-terroriżmu jew mal-kriminalità organizzata;

(b) emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq skala kbira;

(c) sitwazzjoni kkaratterizzata minn movimenti mhux awtorizzati fuq skala kbira ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri, li tpoġġi f'riskju l-funzjonament kumplessiv taż-żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni;

(d) avvenimenti internazzjonali fuq skala kbira jew ta' profil għoli, bħal avvenimenti sportivi, kummerċjali jew politiċi.

2. Il-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jiġu introdotti biss skont l-Artikoli 25a u 28 meta Stat Membru jkun stabbilixxa li tali miżura tkun meħtieġa u proporzjonata, filwaqt li jitqiesu l-kriterji msemmija fl-Artikolu 26(1) u, f'każ li tali kontrolli jiġu estiżi, jitqiesu wkoll il-kriterji msemmija fl-Artikolu 26(2). Il-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid ukoll f'konformità mal-Artikolu 29, filwaqt li jitqiesu l-kriterji msemmija fl-Artikolu 30.

Fil-każijiet kollha, il-kontrolli fil-fruntieri interni għandhom jiġu introdotti mill-ġdid bħala miżura aħħarija. L-ambitu u d-durata tal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri ma għandhomx jaqbżu dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jirrispondu għat-theddida serja identifikata.

3. Meta l-istess theddida tkompli tippersisti, il-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jiġu estiżi f'konformità mal-Artikoli 25a, 28 jew 29.

L-istess theddida għandha titqies li teżisti meta l-ġustifikazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru biex jiġu estiżi l-kontrolli fil-fruntieri tkun ibbażata fuq id-determinazzjoni tal-kontinwazzjoni tal-istess theddida li kienet iġġustifikat l-introduzzjoni mill-ġdid inizjali tal-kontrolli fil-fruntieri."

(9) Jiddaħħal Artikolu 25a ġdid wara l-Artikolu 25:

"Artikolu 25 a

*Proċedura għal każijiet li jeħtieġu azzjoni minħabba avvenimenti imprevedibbli jew prevedibbli*

1. Meta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru tkun imprevedibbli u teħtieġ azzjoni immedjata, l-Istat Membru jista', fuq bażi eċċezzjonali, jerġa' jintroduċi minnufih il-kontrolli fil-fruntieri interni.

2. L-Istat Membru għandu, fl-istess ħin li jintroduċi mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri skont il-paragrafu 1, jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri, f'konformità mal-Artikolu 27(1).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid minnufih għal perjodu limitat sa massimu ta' xahar. Jekk it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tippersisti lil hinn minn dak il-perjodu, l-Istat Membru jista' jestendi l-kontroll fil-fruntieri interni għal perjodi ulterjuri, sa durata massima ta' mhux aktar minn tliet xhur.

4. Meta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tkun prevedibbli fi Stat Membru, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27(1), mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata tal-kontrolli fil-fruntieri, jew f'perjodu iqsar meta ċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-ħtieġa li jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni jsiru magħrufa inqas minn erba' ġimgħat qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27a(4), il-kontroll fil-fruntieri interni jista' jiġi introdott mill-ġdid għal perjodu sa massimu ta' sitt xhur. Meta t-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tippersisti lil hinn minn dak il-perjodu, l-Istat Membru jista' jestendi l-kontroll fil-fruntieri interni għal perjodi li jistgħu jiġġeddu sa massimu ta' sitt xhur.

Kwalunkwe estensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn f'konformità mal-Artikolu 27 u fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 4. Soġġetta għall-Artikolu 27a(5), id-durata massima tal-kontroll fil-fruntieri interni ma għandhiex taqbeż is-sentejn.

6. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 5 ma għandux jinkludi l-perjodi msemmija fil-paragrafu 3."

(10) L-Artikolu 26 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

*Kriterji għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni u l-estensjoni tagħhom*

1. Sabiex jiġi stabbilit jekk l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni hijiex meħtieġa u proporzjonata f'konformità mal-Artikolu 25, Stat Membru għandu b'mod partikolari jikkunsidra:

(a) l-adegwatezza tal-miżura ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni, wara li titqies in-natura tat-theddida serja identifikata u, b'mod partikolari, jekk l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni hijiex probabbli li tirrimedja b'mod adegwat it-theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna;

(b) l-impatt probabbli ta' tali miżura fuq:

– il-moviment ta' persuni fiż-żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni u

– l-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera, filwaqt li jitqiesu r-rabtiet soċjali u ekonomiċi b'saħħithom bejniethom.

2. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-kontroll fil-fruntieri interni skont l-Artikolu 25a(5), huwa għandu jivvaluta wkoll fid-dettall jekk l-objettivi ta' din l-estensjoni jistgħux jintlaħqu permezz ta':

a) l-użu ta' miżuri alternattivi bħal verifiki proporzjonati mwettqa fil-kuntest tal-eżerċitar legali ta' setgħat kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 23;

b) l-użu tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 23a;

c) forom ta' kooperazzjoni tal-pulizija kif previst skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fuq kwistjonijiet bħal rondi konġunti, operazzjonijiet konġunti, timijiet ta' investigazzjoni konġunti, insegwimenti transfruntiera, jew sorveljanza transfruntiera.

3. Meta l-kontrolli fil-fruntieri interni jkunu ġew introdotti mill-ġdid jew estiżi, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fejn meħtieġ, jiżguraw li dawn ikunu akkumpanjati minn miżuri xierqa li jimmitigaw l-impatti li jirriżultaw mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri fuq il-persuni u t-trasport tal-merkanzija, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lir-reġjuni transfruntiera."

(11) L-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 27

*Notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni u valutazzjoni tar-riskju*

1. In-notifiki mill-Istati Membri dwar l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġunijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid jew għall-estensjoni, inkluża d-*data* rilevanti kollha li tagħti dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna tiegħu;

(b) l-ambitu tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni proposta u jispeċifika f'liema parti jew partijiet tal-kontroll fil-fruntieri interni se jiġu introdotti mill-ġdid jew estiżi;

(c) l-ismijiet tal-punti ta' qsim awtorizzati;

(d) id-data u d-durata tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni ppjanata;

(e) il-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardjaw in-neċessità u l-proporzjonalità msemmija fl-Artikolu 26(1) u, fil-każ ta’ estensjoni, fl-Artikolu 26(2);

(f) fejn ikun xieraq, il-miżuri li jridu jittieħdu mill-Istati Membri l-oħrajn.

Notifika tista’ tiġi sottomessa b’mod konġunt minn żewġ Stati Membri jew aktar.

In-notifika għandha tiġi pprovduta f’konformità ma’ mudell li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni u li se jkun disponibbli online. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).”

2. Meta l-kontrolli fil-fruntieri jkunu ilhom fis-seħħ għal sitt xhur f’konformità mal-Artikolu 25a(4), kwalunkwe notifika sussegwenti għall-estensjoni ta’ tali kontrolli għandha tinkludi valutazzjoni tar-riskju. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tippreżenta d-daqs u l-evoluzzjoni antiċipata tat-theddida serja identifikata, b’mod partikolari kemm it-theddida serja identifikata hija mistennija li ddum tippersisti u liema taqsimiet tal-fruntieri interni jistgħu jiġu affettwati, kif ukoll informazzjoni rigward il-miżuri ta’ koordinazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn affettwati jew li x’aktarx jiġu affettwati minn tali miżuri.

3. Meta l-introduzzjoni mill-ġdid ta’ kontrolli fil-fruntieri jew l-estensjoni tagħhom tirreferi għall-movimenti mhux awtorizzati fuq skala kbira msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 25(1), il-valutazzjoni tar-riskju għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dwar id-daqs u x-xejriet ta’ tali movimenti mhux awtorizzati, inkluża kwalunkwe informazzjoni miksuba mill-aġenziji rilevanti tal-UE f’konformità mal-mandati rispettivi tagħhom u l-analiżi tad-*data* mis-sistemi ta’ informazzjoni rilevanti.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi kwalunkwe informazzjoni ulterjuri, inkluż dwar il-miżuri ta’ koordinazzjoni mal-Istati Membri affettwati mill-estensjoni ppjanata tal-kontroll fil-fruntieri interni, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni ulterjuri meħtieġa biex jiġi vvalutat l-użu possibbli tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 23 u 23a.

5. L-Istati Membri li jissottomettu notifika skont il-paragrafi 1 jew 2 jistgħu, fejn meħtieġ u f’konformità mal-liġi nazzjonali, jiddeċiedu li jikklassifikaw l-informazzjoni nnotifikata kollha jew partijiet minnha.

Tali klassifikazzjoni ma għandhiex tipprekludi l-aċċess għall-informazzjoni, permezz ta’ mezzi xierqa u siguri ta’ kooperazzjoni tal-pulizija, mill-Istati Membri l-oħrajn affettwati mill-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta’ kontrolli fil-fruntieri interni.”

(12) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 27 a li ġej:

“Artikolu 27 a

*Konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-opinjoni tal-Kummissjoni*

1. Wara li jaslu n-notifiki, sottomessi skont l-Artikolu 27(1), il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi proċess ta’ konsultazzjoni, fejn xieraq, inklużi laqgħat konġunti bejn l-Istat Membru li jkun qed jippjana li jintroduċi mill-ġdid jew jestendi l-kontroll fil-fruntieri interni, u l-Istati Membri l-oħrajn, speċjalment dawk affettwati direttament minn tali miżuri u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni.

Il-konsultazzjoni għandha tikkonċerna b’mod partikolari t-theddida identifikata għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, ir-rilevanza tal-introduzzjoni mill-ġdid

maħsuba tal-kontrolli fil-fruntieri, filwaqt li tqis l-adegwatezza ta' miżuri alternattivi, kif ukoll il-modi kif tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri b'rabta mal-kontrolli fil-fruntieri li ġew introdotti mill-ġdid.

L-Istat Membru li jkun qed jippjana li jerġa' jintroduċi jew jestendi l-kontrolli fil-fruntieri interni għandu jikkunsidra bis-sħiħ ir-riżultati ta' tali konsultazzjoni meta jwettaq il-kontroll fil-fruntieri interni.

2. Wara li jaslu n-notifiki sottomessi b'rabta mal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 72 tat-TFUE, joħorġu opinjoni, jekk, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fin-notifika u fil-valutazzjoni tar-riskju, fejn xieraq, jew abbażi ta' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, huma jkollhom tħassib fir-rigward tan-neċessità jew tal-proporzjonalità tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tal-estensjoni ppjanata tal-kontroll fil-fruntieri interni.

3. Wara li jaslu n-notifiki sottomessi b'rabta ma' estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni skont l-Artikolu 25a(4) li twassal għall-kontinwazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni għal total ta' tmintax-il xahar, il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar in-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali kontrolli fil-fruntieri interni.

4. Meta tinħareġ l-opinjoni msemmija fil-paragrafi 2 jew 3, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi proċess ta' konsultazzjoni sabiex tiddiskuti l-opinjoni mal-Istati Membri. Meta l-Kummissjoni jew Stat Membru joħorġu opinjoni li tesprimi tħassib dwar in-neċessità jew il-proporzjonalità ta' kontrolli fil-fruntieri interni introdotti mill-ġdid, il-Kummissjoni għandha tniedi tali proċess.

5. Meta Stat Membru jqis li hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-ħtieġa kontinwa għal kontrolli fil-fruntieri interni li jaqbżu l-perjodu massimu msemmi fl-Artikolu 25(5), huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27(2). In-notifika l-ġdida mill-Istat Membru għandha tissostanzja t-theddida kontinwa għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Kummissjoni mogħtija skont il-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni ta' segwitu."

(13) L-Artikolu 28 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 28

*Mekkaniżmu speċifiku fejn it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tpoġġi f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni*

1. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-istess theddida serja għas-sigurtà interna jew għall-ordni pubbliku taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri, u tpoġġi f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, hija tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tawtorizza l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri mill-Istati Membri, fejn il-miżuri disponibbli msemmija fl-Artikoli 23 u 23a ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw it-theddida.

2. Id-deċiżjoni għandha tkopri perjodu sa massimu ta' sitt xhur u tista' tiġġedded, fuq proposta mill-Kummissjoni, għal perjodi ulterjuri sa massimu ta' sitt xhur, sakemm tippersisti t-theddida, filwaqt li jitqies ir-rieżami msemmi fil-paragrafu 5.

3. Meta l-Istati Membri jerġgħu jintroduċu jew jestendu l-kontrolli fil-fruntieri minħabba t-theddida msemmija fil-paragrafu 1, dawk il-kontrolli għandhom, mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill, ikunu bbażati fuq dik id-deċiżjoni.

4. Id-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tirreferi wkoll għal kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni xierqa li għandha tiġi stabbilita fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni sabiex l-impatti kkawżati mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri jitnaqqsu kemm jista' jkun.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evoluzzjoni tat-theddida identifikata, kif ukoll l-impatt tal-miżuri adottati f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 1, bil-ħsieb li tivvaluta jekk il-miżuri għadhomx iġġustifikati.

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn fil-Kunsill dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.

7. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjoni li tindika miżuri oħrajn imsemmija fl-Artikoli 23 u 23a li jistgħu jikkomplementaw il-kontrolli fil-fruntieri interni jew ikunu aktar adattati biex jindirizzaw it-theddida identifikata għas-sigurtà interna jew għall-ordni pubbliku kif imsemmi fil-paragrafu 1."

(14) L-Artikolu 31 jiġi emendat kif ġej:

a) L-Artikolu 31 isir il-paragrafu 1;

b) jiżdied il-paragrafu 2 li ġej:

"2. Meta Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 27(1), huwa għandu fl-istess ħin jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dawn li ġejjin:

a) id-dettalji tal-fruntieri interni fejn għandu jiġi introdott mill-ġdid il-kontroll fil-fruntieri;

b) ir-raġunijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid proposta;

c) l-ismijiet tal-punti ta' qsim awtorizzati;

d) id-data u d-durata tal-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata;

e) fejn ikun xieraq, il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru l-ieħor.

3. L-għoti ta' informazzjoni jista' jkun soġġett għal klassifikazzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27(4).

L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 f'każijiet ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika.

Il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni ma għandhiex tipprekludi l-informazzjoni milli titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew mill-Kummissjoni. It-trażmissjoni u l-maniġġ tal-informazzjoni u tad-dokumenti trażmessi lill-Parlament Ewropew skont dan l-Artikolu għandhom ikunu konformi mar-regoli dwar it-trażmissjoni u l-maniġġ ta' informazzjoni kklassifikata li huma applikabbli bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni."

(15) L-Artikolu 33 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 33*

*Rapport dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni*

1. Fi żmien erba' ġimgħat mit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni, l-Istati Membri li jkunu wettqu kontrolli fil-fruntieri interni għandhom jippreżentaw rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid u, fejn applikabbli, l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel paragrafu 1, meta l-kontrolli fil-fruntieri jiġu estiżi kif imsemmi fl-Artikolu 25a(5), l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti rapport fl-iskadenza ta' tnax-il xahar u kull tnax-il xahar minn hemm 'il quddiem jekk il-kontroll fil-fruntiera jinżamm b'mod eċċezzjonali.

3. Ir-rapport għandu jiddeskrivi, b'mod partikolari, il-valutazzjoni inizjali u ta' segwitu tal-ħtieġa ta' kontrolli fil-fruntieri u r-rispett tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 26, l-operat tal-verifiki, il-kooperazzjoni prattika mal-Istati Membri ġirien, l-impatt li jirriżulta fuq il-moviment tal-persuni, b'mod partikolari fir-reġjuni transfruntiera, l-effettività tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni, inkluża valutazzjoni *ex post* tal-proporzjonalità tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontroll fil-fruntieri.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta format uniformi għal tali rapport u tagħmlu disponibbli online.

5. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar dik il-valutazzjoni *ex post* tal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri fi fruntiera interna waħda jew aktar jew f'partijiet minnhom.

6. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mill-inqas darba fis-sena, rapport dwar il-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni bit-titolu ("Rapport dwar l-Istat ta' Schengen"). Ir-rapport għandu jinkludi lista tad-deċiżjonijiet kollha meħuda matul is-sena rilevanti għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Huwa għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar ix-xejriet fiż-żona Schengen fir-rigward tal-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jqis l-informazzjoni disponibbli mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, l-analiżi tad-*data* minn sistemi ta' informazzjoni rilevanti u valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità tal-introduzzjonijiet mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri fil-perjodu kopert minn dak ir-rapport."

(16) Fl-Artikolu 39 (1), jiżdied il-punt (h) li ġej:

"h) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni biż-żoni amministrattivi lokali meqjusa bħala r-reġjuni transfruntiera u kwalunkwe bidla rilevanti għalihom."

(17) Jiżdied l-Artikolu 42b li ġej:

"*Artikolu 42b*

*Notifika tar-reġjuni transfruntiera*

Sa mhux aktar tard minn [xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni biż-żoni tat-territorju tagħhom meqjusa bħala r-reġjuni transfruntiera.

L-Istati Membri għandhom jinformaw ukoll lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fihom."

(18) Jiżdied l-Anness XI li ġej:

"ANNESS XI

Vjaġġar essenzjali

Il-funzjonijiet jew il-ħtiġijiet essenzjali msemmija fil-punt (23) tal-Artikolu 2 jirreferu għal vjaġġar għal kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet jew mill-ħtiġijiet li ġejjin:

i. Professjonisti tal-kura tas-saħħa, riċerkaturi fil-qasam tas-saħħa, u professjonisti tal-kura tal-anzjani;

ii. Ħaddiema transfruntiera;

iii. Persunal tat-trasport;

iv. Diplomatiċi, persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u persuni mistiedna minn organizzazzjonijiet internazzjonali li l-preżenza fiżika tagħhom hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb ta' dawn l-organizzazzjonijiet, persunal militari u ħaddiema tal-għajnuna umanitarja u persunal tal-protezzjoni ċivili fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom;

v. Passiġġieri fi tranżitu;

vi. Passiġġieri li jivvjaġġaw għal raġunijiet imperattivi ta' familja;

vii. Baħħara;

viii. Persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jew għal raġunijiet umanitarji oħrajn."

(19) Jiżdied Anness XII ġdid:

"ANNESS XII

PARTI A

*Proċedura għat-trasferiment ta' persuni maqbuda fil-fruntieri interni*

1. Id-deċiżjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet biex instab li persuna ma għandhiex dritt ta' soġġorn. Huma għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament.

2. Id-deċiżjoni għandha tinħareġ permezz ta' formola standard, kif stabbilit fil-Parti B, mimlija mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-formola standard mimlija għandha tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li għandu jirrikonoxxi li jkun irċieva d-deċiżjoni billi jiffirma l-formola u għandu jingħata kopja tal-formola ffirmata.

   Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrifjuta li jiffirma l-formola standard, l-awtorità kompetenti għandha tindika dan ir-rifjut fil-formola taħt it-taqsima "kummenti".

3. L-awtoritajiet nazzjonali li joħorġu deċiżjoni ta' rifjut għandhom jirreġistraw id-*data* li ġejja:

   a) sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti minnhom, l-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat,

   b) ir-referenzi tad-dokument tal-identità, jekk ikun hemm,

c) fejn disponibbli, kopji ta' kwalunkwe dokument jew *data* relatati mal-identità jew man-nazzjonalità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, flimkien mal-bażijiet tad-*data* nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.

d) ir-raġunijiet għar-rifjut,

e) id-data tar-rifjut,

f) l-Istati Membri li fihom ikun intbagħat lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

4. L-awtoritajiet nazzjonali li joħorġu deċiżjoni ta' rifjut għandhom jiġbru d-*data* li ġejja:

a) l-għadd ta' persuni rrifjutati d-dħul;

b) l-għadd ta' persuni rrifjutati s-soġġorn;

c) l-għadd ta' persuni mibgħuta lura;

d) l-Istat(i) Membru/i li fih/hom ikunu ntbagħtu lura l-persuni;

e) meta din l-informazzjoni tkun disponibbli, in-nazzjonalità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda;

f) ir-raġunijiet għar-rifjut tad-dħul u tas-soġġorn;

g) it-tip ta' fruntiera kif speċifikat fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399 li fiha ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu ntbagħtu lura.

5. Il-persuni li jiġu rrifjutati d-dħul jew id-dritt ta' soġġorn għandu jkollhom id-dritt jappellaw. L-appelli għandhom isiru f'konformità mal-liġi nazzjonali. Indikazzjoni bil-miktub tal-punti ta' kuntatt li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar rappreżentanti kompetenti biex jaġixxu f'isem iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-liġi nazzjonali għandha tingħata wkoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'lingwa li jifhmu jew li raġonevolment huwa maħsub li jifhmu. It-tressiq ta' tali appell ma għandux ikollu effett sospensiv.

6. L-awtoritajiet mogħtija s-setgħa skont il-liġi nazzjonali għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' rifjut jiġi ttrasferit lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ġar immedjatament u fi żmien mhux aktar minn 24 siegħa. L-awtoritajiet mogħtija s-setgħa skont il-liġi nazzjonali fl-Istat Membru ġar għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Istat Membru għal dak l-għan.

7. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie soġġett għal deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 jinġieb fil-fruntiera minn trasportatur, l-awtorità responsabbli lokalment tista':

(a) tordna lit-trasportatur biex jieħu f'idejh iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jittrasportah mingħajr dewmien lejn l-Istat Membru minn fejn ikun inġieb;

(b) sakemm isir it-trasport 'il quddiem, tieħu miżuri xierqa, f'konformità mal-liġi nazzjonali u wara li tqis iċ-ċirkostanzi lokali, biex twaqqaf liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew irrifjutati d-dħul milli jidħlu illegalment.

PARTI B

Formola standard għat-trasferiment ta' persuni maqbuda fil-fruntieri interni

Isem l-Istat

Logo tal-Istat (Isem tal-Uffiċċju)

______________________________________

______________________________________________________________________________________________________(1)

PROĊEDURA TA' TRASFERIMENT FIL-FRUNTIERA INTERNA

Nhar ____________________________ fi (ħin) ______________ fil-post (indika t-tip tal-fruntiera interna fil-qrib jew informazzjoni rilevanti oħra relatata mal-qbid minn ronda konġunta)__________________________________________

Aħna, is-sottoskritti, ________________________________________________________________________________għandna quddiemna:

*Data* personali (soġġetta għad-disponibbiltà)

Kunjom______________________________________________________ Isem __________________________________________

Data tat-twelid___________________________________ Post tat-twelid ____________________________________________ Sess _________

Nazzjonalità ________________________________________ Residenti fi ______________________________________________________

Tip ta' dokument tal-identità __________________________________________________numru_____________________________________

Maħruġ fi ______________________________________________ nhar ___________________________________________________________

Numru tal-viża, jekk ikun hemm _________________________ tat-tip __________________ maħruġa minn __________________________________________________

Valida minn _________________________ sa _________________________

Għal perjodu ta' ________ jiem: _____________________________________________________________________

Ġej minn _____________________ permezz ta' ____________________ (indika l-mezz tat-trasport użat, eż. in-numru tat-titjira), b'dan jiġi/tiġi informat/a li ma għandux/għandhiex dritt jibqa'/tibqa' fil-pajjiż u se jiġi/tiġi ttrasferit/a lejn _______________________ skont (*indika r-referenzi għal-liġi nazzjonali fis-seħħ*), għar-raġunijiet li ġejjin:

□ (A) ma għandux/għandhiex dokument(i) tal-ivvjaġġar validu/i

□ (B) għandu/għandha dokument tal-ivvjaġġar falz/kontrafatt/iffalsifikat

□ (C) ma għandux/għandhiex viża valida jew permess ta' residenza validu

□ (D) għandu/għandha viża jew permess ta' residenza foloz/kontrafatti/iffalsifikati

□ (E) ma għandux/għandhiex dokumentazzjoni xierqa li tiġġustifika l-iskop u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn

Id-dokument(i) li ġej/ġejjin ma setax/setgħux jiġi/u pprovdut(i): _____________________________________________________________________

□ (F) ikun/tkun diġà qagħad/qagħdet 90 jum fil-perjodu preċedenti ta' 180 jum fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

□ (G) ma għandux/għandhiex mezzi suffiċjenti ta' sussistenza b'rabta mal-perjodu u l-forma ta' soġġorn, jew il-mezzi biex jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini jew ta' tranżitu

□ (H) tkun persuna li għaliha tkun inħareġ allert għall-finijiet tar-rifjut tad-dħul

□ fis-SIS

□ fir-reġistru nazzjonali

□ (I) huwa/hija kkunsidrat(a) bħala theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (*kull Stat irid jindika r-referenzi għal-liġi nazzjonali relatati ma' tali trasferiment*)

Kummenti

□ Il-persuna kkonċernata naqset milli tiffirma l-formola.

| Persuna kkonċernata | Uffiċjal responsabbli għall-verifiki |
|---|---|

Il-persuna kkonċernata tista' tappella kontra d-deċiżjoni li hija ma għandhiex dritt ta' soġġorn kif previst fil-liġi nazzjonali. Il-persuna kkonċernata tirċievi kopja ta' dan id-dokument (*kull Stat irid jindika r-referenzi għal-liġi nazzjonali u l-proċedura relatata mad-dritt ta' appell*).

*Artikolu 2*

*Emenda għad-Direttiva 2008/115/KE*

1. L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115/KE jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 23a tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jew skont ftehimiet jew arranġamenti bilaterali.

L-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, id-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali eżistenti, emendat jew ġdid lill-Kummissjoni."

* Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 077, 23.3.2016, p. 1).

*Artikolu 3*

*Traspożizzjoni tal-emenda għad-Direttiva 2008/115/KE*

2. Sa mhux aktar tard minn [*6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 2. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [*6 xhur mid-dħul fis-seħħ*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għall-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, il-punt 6 tal-Artikolu 1 għandu japplika minn [id-data li fiha japplikaw l-emendi previsti fl-Artikolu 2 fl-Istati Membri].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*